Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

Brussell, 14 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

14900/23

LIMITE

CORLX 1028
CFSP/PESC 1515
RELEX 1296
COEST 604
FIN 1148

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/…**

**ta' …**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

PUBLIC

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

[1] ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 u s-27 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u afferma mill-ġdid l-appoġġ sod tal-Unjoni għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha u għad-dritt inerenti tagħha li tiddefendi ruħha kontra l-aggressjoni Russa. Il-Kunsill Ewropew iddikjara wkoll li l-kapaċità tar-Russja li twettaq il-gwerra ta' aggressjoni tagħha jeħtieġ tkompli tiddgħajjef, inkluż billi jkomplu jissaħħu s-sanzjonijiet, u permezz tal-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom u l-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tagħhom, speċjalment għal oġġetti b'riskju għoli, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab u l-alleati.

(3) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, huwa xieraq li jiġu adottati aktar miżuri restrittivi.

(4) B'mod partikolari, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li 614-il persuna u 86 entità responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) 269/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi …,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

PUBLIC

PUBLIC

# ANNESS

Il-persuni u l--entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

**Persuni**

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "1585. | Oleg Grigorievich MISHCHENKO<br>(Aleh Ryhoravich MISHCHANKA)<br>(Олег Григорьевич МИЩЕНКО)<br>(Алег Рыгоравіч МІШЧАНКА) | Funzjoni: L-Ewwel Viċi President tal-Kumitat Militari Industrijali tal-Istat<br>Data tat-twelid: 11.8.1968<br>Post tat-twelid: Vishnevka, Ichnyansky District, Chernigov Region, USSR (issa Ukraine)<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Numru tal-passaport: 3110868C005PB4<br>Sess: raġel | Oleg Mishchenko huwa l-Ewwel Viċi President tal-Kumitat Militari-Industrijali tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja. Fil-kapaċità tiegħu bħala l-Ewwel Viċi President tal-Kumitat Industrijali Militari tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja żied il-provvista ta' tagħmir militari lir-Russja fl-isfond tal-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, ser jidħol fis-seħħ programm ta' kooperazzjoni militari-teknika bejn Moska u Minsk sal-2025, li jipprevedi konsenji reċiproċi ta' prodotti militari fl-interessi tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-Belarussja u r-Russja. Għalhekk, Oleg Mishchenko qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1586. | Aleksandr Aleksandrovich RAKHMANOV<br><br>(Aliaksandr Aliaksandrovich RAKHMANOV)<br><br>(Александр Александрович РАХМАНОВ)<br>(Аляксандр Аляксандравіч РАХМАНАЎ) | Funzjoni: Viċi Segretarju tal-Istat tal-Kunsill tas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Belarussja<br><br>Data tat-twelid: 25.7.1976<br><br>Post tat-twelid: Liozna, Vitebsk Region, USSR (issa Belarus)<br><br>Nazzjonalità: Belarussa<br><br>Numru tal-identità personali: 3250776C045PB3<br><br>Sess: raġel | Aleksandr Rakhmanov huwa l-Viċi Segretarju tal-Istat tal-Kunsill tas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Belarussja. Il-Kunsill tas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Belarussja huwa l-korp kostituzzjonali u suprem kollettiv ta' koordinazzjoni u politiku li jinforza s-setgħat tal-President tar-Repubblika tal-Belarus. Fil-pożizzjoni tiegħu, Aleksandr Rakhmanov jissorvelja l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà u jiżgura l-attivitajiet tal-kummissjonijiet interdipartimentali taħtu, inkluż il-kooperazzjoni militari-teknika mal-Federazzjoni Russa u l-kontroll tal-esportazzjoni. Il-Kunċett il-ġdid tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Kunsill tas-Sigurtà jipprevedi l-iżvilupp ta' raggruppament reġjonali ta' forzi tar-Repubblika tal-Belarussja u l-Federazzjoni Russa, li jżid l-effettività tal-korpi militari ta' kmand u kontroll. Il-kooperazzjoni militari-teknika tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari tar-Russja, li qed twettaq gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.<br><br>Għalhekk, Aleksandr Rakhmanov qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1587. | Alexei Borisovich LABKO<br>(Aliaksei Borisovich LABKO)<br>magħruf ukoll bħala<br>(Alexey Borisovich LABKO)<br>(Алексей Борисович ЛАБКО)<br>(Аляксей Барысавіч ЛАБКО) | Funzjoni: Kap ta' 230th combined-arms training ground<br>Data tat-twelid: 15.8.1977<br>Post tat-twelid: Arkalyk, USSR (issa Kazakhstan)<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Alexei Labko huwa l-Kap ta' 230th combined-arms training ground. Fil-kapaċità tiegħu bħala l-Kap ta' 230th combined-arms training ground huwa responsabbli għat-taħriġ ta' suldati u suldati tal-lieva tal-armata Russa fil-faċilitajiet li qed imexxi. Għalhekk, Alexei Labko qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1588. | Pavel Nikolaevich MURAVEIKO<br>(Pavel Mikalaevich MURAVEIKA)<br>(Павел Николаевич МУРАВЕЙКО)<br>(Павел Мікалаевіч МУРАВЕЙКА) | Funzjoni: L-Ewwel Viċi Segretarju tal-Istat tal-Kunsill tas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Belarussja<br>Data tat-twelid: 26.9.1971<br>Post tat-twelid: Maryina Gorka, Pukhovichi District, Minsk Region, USSR (issa Belarus)<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: Raġel<br>Numru tal-ID: 3260971B001PB2<br>Sess: raġel | Pavel Muraveiko huwa l-Ewwel Viċi Segretarju tal-Istat tal-Kunsill tas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Belarussja. Fil-pożizzjoni tiegħu, huwa jissorvelja l-azzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà, inkluż il-kooperazzjoni militari-teknika bejn il-Belarussja u r-Russja. Il-Kunsill tas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Belarussja huwa l-korp kostituzzjonali u suprem kollettiv ta' koordinazzjoni u politiku li jinforza s-setgħat tal-President tar-Repubblika tal-Belarus. Il-Kunċett il-ġdid tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Kunsill tas-Sigurtà jipprevedi l-iżvilupp ta' raggruppament reġjonali ta' forzi tar-Repubblika tal-Belarussja u l-Federazzjoni Russa, li jżid l-effettività tal-korpi militari ta' kmand u kontroll. Il-kooperazzjoni militari-teknika tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari tar-Russja, li qed twettaq gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, Pavel Muraveiko, bħala l-Ewwel Viċi Segretarju tal-Istat tal-Kunsill tas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Belarussja, qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

PUBLIC

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1589. | Valery Alexandrovich REVENKO<br>(Valery Aleksandrovich REVENKA)<br>(Валерий Александрович РЕВЕНКО)<br>(Валерый Аляксандравіч РЭВЕНКА) | Funzjoni: Kap tad-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja - Assistent tal-Ministru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja għall-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali, Kurunell<br>Data tat-twelid: 30.11.1969<br>Post tat-twelid: Krasnoyarsk-26, Krasnoyarsk Territory, USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: Raġel<br>Numru tal-ID: 3301169A015PB3<br>Sess: raġel | Valery Revenko huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja - Assistent tal-Ministru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja għall-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali. Id-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali tal-Ministeru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja jiġġestixxi l-attivitajiet tal-forzi armati fl-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni militari internazzjonali u l-kontroll tal-armi.<br>Barra minn hekk, Valery Revenko huwa membru tal-Bord Konġunt tal-Ministeri għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja u l-Federazzjoni Russa u għalhekk jipparteċipa fil-kooperazzjoni bilaterali bejn ir-Russja u l-Belarussja fl-isfera militari. Il-kooperazzjoni militari-teknika tal-Belarussja mar-Russja tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari tar-Russja, li qed twettaq gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, Valery Revenko, bħala l-Kap tad-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali, qed jappoġġa b’mod materjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1590. | Vasily Nikolaevich GERASIMOV<br>(Vasili Mikalaevich HERASIMAU)<br>(Василий Николаевич ГЕРАСИМОВ)<br>(Васілій Мікалаевіч ГЕРАСІМАЎ) | Funzjoni: President tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja; Membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Belarussja<br>Data tat-twelid: 10.9.1975<br>Post tat-twelid: Minsk, USSR (issa Belarus)<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Vasily Gerasimov huwa l-President tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja u membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Belarussja. Il-Kunsill tas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Belarussja huwa l-korp kostituzzjonali u suprem kollettiv ta' koordinazzjoni u politiku li jinforza s-setgħat tal-President. Il-Kunċett il-ġdid tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Kunsill tas-Sigurtà jipprevedi l-iżvilupp ta' raggruppament reġjonali ta' forzi tar-Repubblika tal-Belarussja u l-Federazzjoni Russa, li jżid l-effettività tal-korpi militari ta' kmand u kontroll. Il-kooperazzjoni militari-teknika tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari tar-Russja, li qed twettaq gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fir-rwol tiegħu ta' membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, Vasily Gerasimov qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1591. | Vitaly Nikolaevich EFANOV<br>(Vitali Mikalaevich YAFANAU)<br>(Виталий Николаевич ЕФАНОВ)<br>(Віталій Мікалаевіч ЯФАНАЎ) | Funzjoni: Kap ta' 174th training ground of the Air Force and Air Defense forces "Domanovsky", Kurunell<br>Data tat-twelid: 1.1.1975<br>Post tat-twelid: Gorodets, Shklov District, Mogilev Region, USSR (issa Belarus)<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Sess: raġel | Il-Kurunell Vitaly Efanov huwa l-Kap ta' 174th training ground of the Air Force and Air Defense forces "Domanovsky". Fil-kapaċità tiegħu bħala l-Kap ta' 174th training ground of the Air Force and Air Defense forces "Domanovsky" huwa responsabbli għat-taħriġ ta' suldati u suldati tal-lieva tal-armata Russa fil-faċilitajiet li qed imexxi. Għalhekk, Vitaly Efanov qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1592. | Leonid Vyacheslavovich DAVIDOVICH<br>(Leonid Vyacheslavovich DAVIDOVICH)<br>(Леонид Вячеславович ДАВИДОВИЧ)<br>(Леанід Вячаслававіч ДАВІДОВІЧ) | Funzjoni: Kmandant ta' 61st air base u ta' Baranovichi garrison<br>Data tat-twelid: 13.1.1978<br>Post tat-twelid: Baranovichi, Brest region, USSR, (issa Belarus)<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Numru tal-identità: 3130178C024PB7 | Leonid Davidovich huwa l-Kmandant ta' 61st air base u ta' Baranovichi garrison, fejn il-Federazzjoni Russa tħarreġ is-suldati tagħha. Matul il-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna, iċ-ċittadini nnutaw kunsinni ta' merkanzija militari u ġettijiet tal-ġlied li jtiru lejn u minn Baranovichi garrison. Persuni li ppruvaw jopponu dak it-taħriġ militari u t-trasport ta' merkanzija militari ssejħu "partiġġjani ferrovjarji", ġew arrestati, u ġew imsejħa estremisti u tradituri. Barra minn hekk, kien hemm rapporti li Baranovichi garrison ntuża għall-isparar ta' rokits fl-Ukrajna. Għalhekk, Leonid Davidovich qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1593. | Sergey Evgenyevich LAGODIUK<br>Siarhei Evgenievich LAHADZIUK<br>(Сергей Евгеньевич ЛАГОДЮК)<br>(Сергей Яўгенавіч ЛАГАДЗЮК) | Funzjoni: Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Belarussja, Kap tad-Direttorat Operattiv Ewlieni, Kurunell<br>Data tat-twelid: 10.5.1971<br>Post tat-twelid: Antopol, Drohichyn District, Brest Oblast, USSR (issa Belarus)<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Numru tal-ID: 3100571B015PB0<br>Sess: raġel | Sergey Lagodiukhuwa l-Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Belarussja u l-Kap tad-Direttorat Operattiv Ewlieni. Id-Direttorat Operattiv Ewlieni jipparteċipa fil-politika militari tar-Repubblika tal-Belarussja u jaġixxi bħala l-unità strutturali ewlenija tal-Persunal Ġenerali fis-sistema tal-ippjanar u l-ġestjoni strateġika. Fil-pożizzjoni tiegħu, Sergey Lagodiukjissorvelja l-azzjonijiet tad-Direttorat Operattiv Ewlieni. Barra minn hekk, Sergey Lagodiukhuwa membru tal-Bord Konġunt tal-Ministeru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja u l-Federazzjoni Russa u għalhekk jipparteċipa fil-kooperazzjoni bilaterali bejn ir-Russja u l-Belarussja fl-isfera militari. Ir-Repubblika tal-Belarussja tintuża bħala ċentru militari tal-militar Russu u b'mod strateġiku tpoġġi pressjoni fuq l-Ukrajna biex iżżomm it-truppi qrib il-fruntiera, u b'hekk iddgħajjef il-kapaċitajiet difensivi tal-Ukrajna. Għalhekk, Sergey Lagodiuk, bħala membru tal-Bord Konġunt tal-Ministeru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja u l-Federazzjoni Russa, qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1594. | Vladimir Nikolaevich CHEREUKHIN<br>(Uladzimir Mikalaevich CHARAUKHIN)<br>(Владимир Николаевич ЧЕРЕУХИН)<br>(Уладзімір Мікалаевіч ЧАРАУХІН) | Funzjoni: Kap ta' Gomel branch of Republican Unitary Enterprise for Air Navigation Services of Air Traffic "Belaeronavigatsia"<br>Data tat-twelid: 11.8.1977<br>Post tat-twelid: Pokolyubichi, Gomel District, Gomel Region, USSR (issa Belarus)<br>Nazzjonalità: Belarussa<br>Indirizz: Vetka district, Zolotoy Rog village,<br>Belarus<br>Numru tal-ID: 3110877H020PB2<br>Sess: raġel | Vladimir Chereukhin huwa l-Kap ta' Gomel branch of Republican Unitary Enterprise for Air Navigation Services of Air Traffic"Belaeronavigatsia", responsabbli mill-attivitajiet tal-ajruport ta' Gomel. Fil-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni, inġenju tal-ajru Russu mingħajr bdot abbord tal-Forzi Ajruspazjali Russi telaq mill-ajruport ta' Gomel u qered batterija tal-artillerija awtopropulsiva tal-Forzi Armati tal-Ukrajna.<br>Għalhekk, Vladimir Chereukhin, bħala l-Kap ta' Gomel branch "Belaeronavigatsia", qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1595. | Vyacheslav Evgenyevich ROSSOLAY<br><br>(Viachaslau Yevgenievich RASSALAI)<br><br>(Вячеслав Евгеньевич РОССОЛАЙ)<br><br>(Вячаслаў Яўгеньевіч РАССАЛАЙ) | Funzjoni: Viċi President tal-Kumitat Militari Industrijali tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja<br><br>Data tat-twelid: 17.10.1981<br><br>Post tat-twelid: Minsk, USSR (issa Belarus)<br><br>Nazzjonalità: Belarussa<br><br>Sess: raġel | Vyacheslav Rossolay huwa l-Viċi President tal-Kumitat Militari Industrijali tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja. Fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi President tal-Kumitat Industrijali Militari tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja żied il-provvista ta' tagħmir militari lir-Russja fl-isfond tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, ser jidħol fis-seħħ programm ta' kooperazzjoni militari-teknika bejn Moska u Minsk sal-2025, li jipprevedi konsenji reċiproċi ta' prodotti militari fl-interessi tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-Belarussja u r-Russja. Għalhekk, Vyacheslav Rossolay qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1596. | Andrey Pavlovich FALALEEV<br><br>(Андрей Павлович ФАЛАЛЕЕВ) | Funzjoni: Rettur tal-V.I. Vernadsky Crimean Federal University<br><br>Data tat-twelid: 9.2.1972<br><br>Post tat-twelid: Simferopol, Crimea, USSR (issa Ukraine)<br><br>Nazzjonalità: Ukrena<br><br>Sess: raġel | Andrey Falaleev huwa r-rettur tal-V.I. Vernadsky Crimean Federal University. Fl-4 ta' Marzu 2022, wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Andrey Falaleev, fil-kapaċità tiegħu bħala r-rettur tal-Università, iffirma ittra li tappoġġa l-azzjonijiet tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Matul it-tmexxija ta' Andrey Falaleev fil-Vernadsky Crimean Federal University, sar avveniment imsejjaħ "L-Appoġġ Tagħna lill-Forzi Armati tal-Ministeru għad-Difiża Russu b'Sehem fl-Operazzjoni Militari Speċjali". L-objettiv ewlieni tal-avveniment kien li jiġu kondiviżi l-istejjer tal-eroj tal-operazzjoni militari speċjali u jiġu esplorati modi alternattivi biex jiġu appoġġati l-membri tas-servizz involuti.<br><br>Għalhekk, Andrey Falaleev qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1597. | Serafim Vikentevich IVANOV<br><br>(Серафим Викентьевич ИВАНОВ) | Funzjoni: Segretarju tal-istampa fl-organizzazzjoni "Volunteer Squad"<br><br>Kap tal-kwartieri ġenerali reġjonali ta' Yunarmiya VVPOD fir-reġjun ta' Kherson<br><br>Data tat-twelid: 19.05.1996<br><br>Post suspettat: St. Petersburg, Russian Federation<br><br>Sess: raġel | Serafim Ivanov huwa s-segretarju tal-istampa fl-organizzazzjoni "Volunteer Squad", li hija involuta fl-edukazzjoni patrijottika taż-żgħażagħ. Huwa wkoll il-Kap tal-kwartieri ġenerali reġjonali ta' Yunarmiya VVPOD fir-reġjun ta' Kherson. Huwa ħa sehem attiv fil-militarizzazzjoni tat-tfal Ukreni fir-reġjun okkupat ta' Kherson. Huwa xerred ukoll sentimenti favur ir-Russja u narrattivi kontra l-Ukrajna permezz ta' Yunarmiya u ħeġġeġ lit-tfal jingħaqdu mal-organizzazzjoni, filwaqt li enfasizza t-taħriġ militari bħala wieħed mill-vantaġġi.<br><br>Għalhekk, Serafim Ivanov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Yunarmiya, organizzazzjoni paramilitari Russa. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1598. | Sergey Alekseevich GAVRILCHUK<br>magħruf ukoll bħala<br>Sergiy Oleksiyovich GAVRYLCHYK<br>magħruf ukoll bħala<br>Serhii HAVRYLCHUK<br>(Сергей Алексеевич ГАВРИЛЬЧУК)<br>(Сергій Олексійович ГАВРИЛЬЧУК) | Funzjoni: Kap tal-kwartieri ġenerali reġjonali ta' Yunarmiya tar-Republic of Crimea;Viċi tal-kunsill tar-raħal ta' Gvardeyskaya tad-distrett ta' Simferopol tar-"Republic of Crimea", li jirrappreżenta l-United Russia Party<br>Data tat-twelid: 30.5.1977<br>Nazzjonalità: Ukrena<br>Sess: raġel | Sergey Gavrilchuk huwa l-Kap tal-Kwartieri Ġenerali Reġjonali ta' Yunarmiya tar-Republic of Crimea u membru tal-partit "United Russia". L-All-Russia "Young Army" Military Patriotic Social Movement (Yunarmiya) hija organizzazzjoni paramilitari Russa. Fil-kapaċità tiegħu bħala l-Kap reġjonali ta' Yunarmiya, huwa jorganizza attivitajiet li jippromwovu t-taħriġ militari u t-tħejjija taż-żgħażagħ għas-servizz militari fl-Armata Russa. Għalhekk, Sergey Gavrilchuk qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Yunarmiya. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1599. | Elena Aleksandrovna SHAPUROVA<br>Olena Oleksandrivna SHAPUROVA<br>(Елена Александровна ШАПУРОВА)<br>(Олена Олександрівна ШАПУРОВА) | Funzjoni: "Ministru tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza tar-reġjun ta' Zaporizhia region" imposta mir-Russja<br>Data tat-twelid: 16.11.1976<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2807902401<br>Sess: mara | Elena Shapurova hija l-"Ministru tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza ta' Zaporizhia region" maħtura mir-Russja. Hija ppromulgat politiki ta' edukazzjoni mill-ġdid tat-tfal Ukreni fir-reġjun okkupat mir-Russja ta' Zaporizhzhia, filwaqt li naqqset il-klassijiet tal-lingwa Ukrena u żiedet l-għadd ta' klassijiet tar-Russu, inkluż il-promozzjoni tal-kultura Russa u l-klassijiet tal-edukazzjoni ċivika. Għalhekk, hija qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1600. | Boris Viktorovich OBNOSOV<br>(Boris Viktorovič OBNOSOV)<br>(Борис Викторович ОБНОСОВ) | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC Tactical Missiles Corporation<br>Data tat-twelid: 26.1.1953<br>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Indirizz: 7 Ilyicha Street, Korolov, Moskovskaya Oblast, Russian Federation<br>Sess: raġel | Boris Obnosov huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC Tactical Missiles Corporation . Tactical Missiles Corporation tiżviluppa, timmanifattura, timmodernizza, issewwi u żżomm sistemi tal-armi tal-avjazzjoni mill-ajru għall-art u mill-ajru għall-ajru strateġiċi u tattiċi ta' preċiżjoni għolja u sistemi tal-armi marittimi unifikati tal-Forzi Armati Russi. L-armi manifatturati minn Tactical Missiles Corporation jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Obnosov jiltaqa' regolarment mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin biex jinfurmah dwar l-istatus kummerċjali ta' Tactical Missiles Corporation. Fl-2021 ġie ppremjat bl-ogħla titolu onorarju "Eroj tal-Federazzjoni Russa". F'Jannar 2022, xahar qabel il-gwerra, Obnosov kellu laqgħa personali mal-President Vladimir Putin. F'April 2022 irċieva l-premju ta' "Marixxall tal-Unjoni Sovjetika Georgy Zhukov" fil-qasam tal-armamenti u t-tagħmir militari. B'hekk, Boris Obnosov qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa qed jappoġġa u jibbenifika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa assoċjat ukoll ma' JSC Tactical Missiles Corporation. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1601. | Yury Anatolevich CHIKHANCHIN<br><br>(Yuriy Anatolevich CHIKHANCHIN)<br><br>(Юрий Анатольевич ЧИХАНЧИН) | Funzjoni: Direttur ta' Rosfinmonitoring<br><br>Data tat-twelid: 17.6.1951<br><br>Post tat-twelid: Krasnoyarsk, USSR (issa Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Post suspettat: Moscow, Russian Federation<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 246502601977<br><br>Sess: raġel | Yury Chikhachin huwa d-Direttur ta' Rosfinmonitoring, li huwa korp eżekuttiv federali Russu maħluq b'digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa fl-2001, responsabbli għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. L-attivitajiet kollha mwettqa minn Rosfinmonitoring jaqgħu taħt is-superviżjoni diretta tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin.<br><br>Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fi Frar 2022, Rosfinmonitoring ikkoopera mal-Ministeru għad-Difiża Russu dwar "project for banking and treasury support" biex jissodisfa l-hekk imsejjaħ "ordni ta' difiża tal-istat" ġdid tar-Russja, li ġie impost wara l-bidu tal-gwerra bl-għan li tiġi militarizzata l-ekonomija Russa.<br><br>Rosfinmonitoring poġġa b'mod konsistenti persuni u entitajiet meqjusa kritiċi tal-Kremlin fir-reġistru tiegħu ta' "terroriżmu u estremiżmu", inkluż ġurnalisti u pjattaformi tal-media soċjali li huma proprjetà tal-Punent.<br><br>Għalhekk, Yury Chikhanchin, fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur ta' Rosfinmonitoring, qed jappoġġa materjalment u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.



PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1602. | Anna Borisovna PALIUKH<br>(Anna Borisovna SHAFRAN)<br>(Анна Борисовна ПАЛЮХ)<br>(Анна Борисовна ШАФРАН) | Funzjoni: Kap tad-Directorate of Analytical Radio Programmes of Zvezda media holding<br>Data tat-twelid: 31.12.1982<br>Post tat-twelid: Tver, USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: mara | Anna Paliukh, li l-psewdonimu tagħha huwa Anna Shafran, hija propagandista Russa li xxerred propaganda Russa u tappoġġa pubblikament il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Hija tokkupa l-pożizzjoni ta' Kap tad-Directorate of Analytical Radio Programmes of Zvevzda media holding, li hija network tal-media tal-istat immexxi mill-Ministeru għad-Difiża Russu. Hija tiġġustifika b'mod konsistenti l-azzjonijiet tar-Russja fil-gwerra u tiddemonizza l-poplu u l-gvern tal-Ukrajna, filwaqt li tiddikjara pubblikament li l-Ukrajna jeħtieġ li tiġi demilitarizzata u denazifikata. Għalhekk, hija qed tappoġġ u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

PUBLIC

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1603. | Aleksandr Valerievich POTAPOV<br>(Александр Валерьевич ПОТАПОВ) | Funzjoni: Direttur ta' Uralvagonzavod<br>Data tat-twelid: 23.2.1963<br>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 770405465488<br>Sess: raġel | Aleksandr Potapov huwa d-Direttur ta' Uralvagonzavod, korporazzjoni Russa kbira tal-bini tal-magni. Hija l-uniku manifattur ta' tankijiet militari fil-Federazzjoni Russa. Uralvagonzavod tibgħat tankijiet tal-gwerra lill-Forzi Armati Russi biex jużawhom fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, Potapov kellu diversi laqgħat ma' uffiċjali tat-territorji okkupati tal-Ukrajna. Matul dawk il-laqgħat, Potapov iddiskuta t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-industrija Russa u l-awtoritajiet okkupanti. Għalhekk, Aleksandr Potapov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Bħala Direttur ta' Uralvagonzavod, huwa wkoll assoċjat ma' Uralvagonzavod, li qed tappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1604. | Anna Evgenievna TSIVILEVA<br>magħrufa wkoll bħala<br>Anna Evgenievna TSIVILYOVA<br>magħrufa wkoll bħala<br>Anna Evgenievna TSIVILYOVA<br>(Анна Евгеньевна ЦИВИЛЁВА) | Funzjoni: President tal-Fondazzjoni "Defenders of the Fatherland";President tal-Council for Guardianship in the Social Sphere of the Kemerovo Region<br>Membru tal-Council of the Eurasian Women's Forum under the Federation Council of Russia<br>Data tat-twelid: 9.5.1972<br>Post tat-twelid: Ivanovo, USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 771921270207<br>Sess: mara | Anna Tsivileva hija l-President tal-Fondazzjoni "Defenders of the Fatherland". Hija l-mara ta' Sergey Evgenievich Tsivilev, li huwa l-gvernatur tal-Oblast Kemerovo. Hija wkoll qariba tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin.<br>Il-Fondazzjoni "Defenders of the Fatherland" għandha rwol importanti fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna peress li tappoġġa lill-veterani li ħadu sehem fl-azzjonijiet militari fl-Ukrajna. Il-Fondazzjoni topera wkoll fit-territorji okkupati illegalment tal-Oblasts ta' Donetsk u Luhansk u l-Krimea. Il-fondazzjoni kkonkludiet ftehimiet ma' diversi organizzazzjonijiet u gvernijiet lokali oħra għall-finijiet ta' appoġġ għall-veterani tal-gwerra ta' aggressjoni. Il-Fondazzjoni tappoġġa lill-veterani, inkluż ġellieda minn Donetsk u Luhansk. Il-Fondazzjoni hija involuta wkoll fir-riabilitazzjoni tal-veterani għar-ritorn tagħhom fis-servizz attiv għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.<br>Anna Tsivileva setgħet issir President tal-Fondazzjoni "Defenders of the Fatherland" bis-saħħa tar-relazzjoni mill-qrib tagħha mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin.<br>Għaldaqstant, Anna Tsivileva tibbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Fir-rwol tagħha, hija qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Hija wkoll assoċjata mal-Fondazzjoni "Defenders of the Fatherland". | + |

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1605. | Ilya Nikolaevich KURILOV<br>(Илья Николаевич КУРИЛОВ) | Funzjoni: Direttur, Imperial Tula Arms Plant<br>Data tat-twelid: 26.9.1977<br>Post tat-twelid: Kaluga, USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 402800310292<br>Sess: raġel | Ilya Kurilov huwa d-Direttur ta' Imperial Tula Arms Plant, li jipproduċi s-sistema tal-missili kontra t-tankijiet Konkurs-M. Dik is-sistema tal-missili tintuża mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, Ilya Kurilov appoġġa pubblikament il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u d-demilitarizzazzjoni tal-Ukrajna fl-interess nazzjonali tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Ilya Kurilov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1606. | Oleg Leonidovich KHOROKHORDIN<br>(Олег Леонидович ХОРОХОРДИН) | Funzjoni: Kap ta' Altai Republic<br>Data tat-twelid: 3.4.1972<br>Post tat-twelid: Glushinka, eks USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Oleg Khorokhordin huwa l-Kap ta' Altai, Repubblika tal-Federazzjoni Russa. Fir-rwol tiegħu bħala l-Kap ta' Altai Republic, huwa pparteċipa fl-isforzi ta' mobilizzazzjoni tal-gvern Russu biex jirrekluta suldati għall-gwerra ta' aggressjoni tiegħu kontra l-Ukrajna. Huwa dderieġa bidliet leġiżlattivi biex jiġu appoġġati s-suldati Russi u l-familji tagħhom. Huwa wassal ukoll personalment tagħmir militari pprovdut mir-Repubblika ta' Altai lil suldati skjerati fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Huwa ġġustifika b'mod konsistenti l-annessjoni illegali tal-Krimea u l-azzjonijiet tal-forzi armati tar-Russja fl-Ukrajna u ta medalji lis-suldati. Taħt it-tmexxija tiegħu, ir-Repubblika ta' Altai wiegħdet li tipparteċipa fir-restawr Russu tat-territorji okkupati illegalment tal-Ukrajna bl-għan li tintegrahom fil-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Oleg Khorokhordin qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1607. | Radiy Faritovich KHABIROV<br>(Радий Фаритович ХАБИРОВ) | Funzjoni: Kap tar-Repubblika ta' Bashkortostan<br>Data tat-twelid: 20.3.1964<br>Post tat-twelid: Village of Sayranovo, District of Ishimbay, Bashkir ASSR, USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 027810331775<br>Sess: raġel | Radiy Khabirov huwa l-Kap ta' Bashkortostan, Repubblika tal-Federazzjoni Russa. Fir-rwol tiegħu bħala l-Kap tar-Repubblika ta' Bashkortostan, huwa appoġġa, ħeġġeġ u approva pubblikament il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fil-kuntest tal-gwerra, huwa stieden lil kulħadd madwar il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin biex "jiddefenduh" u kien wieħed mill-ewwel gvernaturi li żar it-territorji okkupati Ukreni. Barra minn hekk, bħala Kap tar-Repubblika ta' Bashkortostan, huwa għamel il-mezzi militari avvanzati prijorità billi appoġġa għadd kbir ta' intrapriżi tad-difiża u ħeġġeġ lill-membri tas-servizz biex jipparteċipaw fil-gwerra ta' aggressjoni billi jiffurmaw battaljuni volontarji. Huwa kien responsabbli wkoll għall-istabbiliment ta' maħżen tal-loġistika fit-territorju okkupat tal-Ukrajna u aġixxa kontra l-oppożizzjoni politika kontra l-gwerra fir-Russja. Għalhekk, Radiy Khabirov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1608. | Anatoli Aleksandrovich KARAZI<br>magħruf ukoll bħala<br>Anatoli Aleksandrovich KARAZYI<br>magħruf ukoll bħala<br>Anatoli Aleksandrovich KARAZAI<br>(Анатолий Александрович КАРАЗИЙ)<br>(Анатолій Олександрович КАРАЗІЙ) | Funzjoni: Kap tar-reklutaġġ għal PMC Redut<br>Data tat-twelid: 21.2.1969<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Anatoli Karazi huwa wieħed mill-fundaturi tal-kumpanija militari privata magħrufa bħala PMC Redut, u huwa eks membru u kap tal-intelligence għal Wagner Group. Huwa inkarigat mir-reklutaġġ għal PMC Redut, li qed iwettaq operazzjonijiet fl-Ukrajna, matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

PUBLIC

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1609. | Ilya Dmitrievich MEDVEDEV<br>(Илья Дмитриевич МЕДВЕДЕВ)<br>(Ілля Дмитрович МЕДВЕДЄВ) | Data tat-twelid: 3.8.1995<br>Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Ilya Medvedev huwa responsabbli għall-ħolqien ta' servizzi diġitali fir-reġjuni Ukreni okkupati illegalment ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia. Huwa kkoordina l-proġett "I am Russian", li għandu l-għan li jipprovdi servizzi governattivi Russi lill-abitanti ta' dawk ir-reġjuni, fosthom it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-proċedura simplifikata għaċ-ċittadinanza Russa, u s-servizzi soċjali.<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |
| 1610. | Darya Olegovna BORISOVA<br>(Дарья Олеговна БОРИСОВА) | Funzjoni: Direttur taċ-Ċentru Edukattiv u Metodoloġiku "Avangard"<br>Data tat-twelid: 2.5.1990<br>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: mara | Darya Borisova hija d-Direttur taċ-Ċentru Edukattiv u Metodoloġiku "Avangard", organizzazzjoni li tipprovdi l-hekk imsejħa edukazzjoni patrijottika, inkluż taħriġ militari bażiku, liż-żgħażagħ tar-Russja, kif ukoll lit-tfal fir-reġjuni okkupati b'mod temporanju fl-Ukrajna.<br>Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, hija qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1611. | Dmitry Aleksandrovich POLKOVNIKOV<br>(Дмитрий Александрович ПОЛКОВНИКОВ) | Funzjoni: Direttur ta' Crimea Patriot Centre<br>Data tat-twelid: 3.6.1970<br>Post tat-twelid: Kostroma, USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Dmitry Polkovnikov ilu d-Direttur ta' Crimea Patriot Centre (magħruf ukoll bħala "Krympatriotcentr") mill-1 ta' Marzu 2022. Iċ-Ċentru jipprovdi taħriġ militari għat-tfal fil-Krimea u Sevastopol annessi illegalment. Huwa kien involut fl-organizzazzjoni ta' kampijiet militari u patrijottiċi Russi għat-tfal mill-Peniżola tal-Krimea annessa illegalment.<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |
| 1612. | Andrey Yuryevich SHUTOV<br>(Андрей Юрьевич ШУТОВ) | Funzjoni: Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tal-Federazzjoni Russa<br>Data tat-twelid: 9.3.1963<br>Post tat-twelid: Moscow, Moscow Oblast, USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Andrey Shutov ilu jservi bħala membru tal-Kumitat Elettorali Ċentrali (CEC) tal-Federazzjoni Russa mill-2021. Matul il-mandat tiegħu, il-Kumitat Elettorali Ċentrali kien responsabbli għall-organizzazzjoni ta' referenda illegali fl-2022, kif ukoll elezzjonijiet illegali f'Settembru 2023, f'partijiet okkupati tal-Ukrajna, u b'hekk prova jilleġittimizza l-gwerra ta' aggressjoni Russa ta' dawk il-partijiet. F'dan ir-rwol, Andrey Shutov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1613. | Lyudmila Leonidovna MARKINA<br>(Людмила Леонидовна МАРКИНА) | Funzjoni: Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tal-Federazzjoni Russa<br>Data tat-twelid: 15.4.1979<br>Post tat-twelid: Khotynets, Khotynetsky District, Oryol Oblast, USSR, (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: mara | Lyudmila Markina ilha sservi bħala membru tal-Kumitat Elettorali Ċentrali (CEC) tal-Federazzjoni Russa mill-2021. Matul il-mandat tagħha, il-Kumitat Elettorali Ċentrali kien responsabbli għall-organizzazzjoni ta' referenda illegali fl-2022, kif ukoll elezzjonijiet illegali f'Settembru 2023, f'partijiet okkupati tal-Ukrajna, u b'hekk pruvat tilleġittimizza l-gwerra ta' aggressjoni Russa ta' dawk il-partijiet. F'dan ir-rwol, Lyudmila Markina qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

PUBLIC

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 283. | JSC MPO-GIDROPRIBOR<br>(АО "МПО - Гидроприбор") | Indirizz: 194044, St. Petersburg, Bolshoy Sampsionievsky prospect, 24A, Russian Federation<br>Telefown: +7 (812) 542-01-47<br>Fax: (812) 542-96-59<br>Indirizz elettroniku: info@gidropribor.ru<br>Sit web: https://xn--90addpb9acfhcd.xn--p1ai/ | MPO-Gidropribor hija kumpanija tal-industrija militari Russa. Hija manifattur u fornitur ewlieni ta' armi ta' taħt l-ilma għall-Forza Navali Russa.<br>Timmanifattura l-mini ta' qiegħ il-baħar MDM-1, MDM-2 u MDM-3, il-mini offshore MSHM, u t-torpedoes ta' direzzjoni b'diversi skopijiet ikkontrollati mill-bogħod u mħaddma bl-elettriku TE-2. L-armi prodotti minn MPO-Gidropribor jintużaw mill-Forza Navali Russa fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, l-impjegati u t-tmexxija tal-kumpanija appoġġaw pubblikament il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, MPO-Gidropribor qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa materjalment lil u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

PUBLIC

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 284. | JSC Novosibirsk Aircraft Production A Plant named after V.P. Chkalov<br><br>magħrufa wkoll bħala NAPO<br><br>(Новосибирский авиационный завод имени В. П. Чкалова) | Indirizz: Polzunova 15, 630051 Novosibirsk, Russian Federation<br><br>Telefown: +7 383 278-85-01<br><br>Indirizz elettroniku: info@napo.ru<br><br>Sit web: http://napo.ru/ | Novosibirsk Aircraft Production Plant hi manifattur ajruspazjali Russu. Hija fornitur għall-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Tipproduċi l-inġenji tal-ajru tal-ġlied u għat-tfigħ ta' bombi Su-34 u l-vetturi tal-ajru tal-ġlied mingħajr ekwipaġġ S-70 Okhotnik-B, li jintużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa fil-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna kontra l-Ukrajna.<br><br>Għalhekk, Novosibirsk Aircraft Production Plant qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa materjalment lil u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

PUBLIC

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 285. | PJSC UEC-KUZNETSOV<br>(ПАО "ОДК-Кузнецов") | Indirizz: 443009, Samara , str. Zawodskoe Shosse, 29, Russian Federation<br>Telefown: +7 8(846) 227-32-52<br>Fax: 8(846) 955-15-20<br>Indirizz elettroniku: info@uec-kuznetsov.ru<br>Sit web: https://www.kuznetsov-motors.ru/ | UEC-Kuznetsov hija kumpanija tal-industrija militari Russa. Hija manifattur tal-magni tal-inġenji tal-ajru.<br>Tipprovdi magni għall-inġenji tal-ajru għat-tfigħ ta' bombi strateġiċi tqal Tu-160M u l-ħelikopters Mi-26, li jintużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, UEC-Kuznetsov qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa materjalment lil u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

PUBLIC

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 286. | JSC PROGRESS Arsenyev Aviation Company named after N.I. Sazikin<br><br>(Арсеньевская авиационная компания "Прогресс" им. Н.И.Сазыкина) | Indirizz: Pl. Lenina D. 5, Arsenyev 692335, Russian Federation<br><br>Telefown: +7(42361) 4 55 91, 4 52 31<br><br>Fax: +7 (42361) 4 50 93<br><br>Sit elettroniku: info@aacprogress.ru<br><br>Sit web: https://www.rhc.aero/structure/arsenevskaya-aviacionnaya-kompaniya-progress-im-n-i-sazykina | Progress Arsenyev Aviation Company hija kumpanija tal-industrija militari Russa. Tforni ħelikopters lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Timmanifattura l-ħelikopters tal-ġlied Ka-52 "Alligator" li jintużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br><br>Għalhekk, qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa materjalment lil u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 287. | NPP SALYUT JSC<br>(НПП "Салют" АО) | Indirizz: Plekhanova 6, 111123 Moscow, Russian Federation<br>Telefown: +7 (495) 672-48-59<br>Email: info@smp-salyut.ru<br>Sit web: https://smp-salyut.ru | NPP Salyut tipproduċi r-radars tal-bastimenti "Fregat-MAE-4K", "Fregat M2EM" u "Fregat-M2M" li huma installati fuq bastimenti tal-gwerra użati mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-bastimenti tal-gwerra mgħammra bir-radars ta' Salyut, li jintużaw mir-Russja fil-gwerra, kienu jinkludu l-bastiment tal-għassa tal-proġett 22160 "Dmitry Rogachev" u l-frejgati tal-proġett 11356 "Admiral Makarov" u "Admiral Essen".<br>Barra minn hekk, żewġ ex bastimenti Ukreni "Ternopil" u "Lutsk", maqbuda mill-forzi Russi wara l-annessjoni illegali Russa tal-Krimea u Sevastopol, ġew mgħammra bir-radars "Fregat M2EM" manifatturati minn Salyut.<br>Hija forniet ukoll is-sistemi 5P-30P għall-ipproċessar tal-informazzjoni tar-radar u għall-istabbiliment tal-mira lill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa.<br>Għalhekk, NPP Salyut qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

[+] ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 288. | PJSC UEC-Saturn<br>(ПАО ОДК-Сатурн) | Indirizz: 152903 Rybinsk, Lenin Ave. 163, Russian Federation<br>Telefown: +7 (4855) 328-100<br>Fax: +7 (4855) 329-000<br>Sit web: https://www.uec-saturn.ru/ | UEC-Saturn hija kumpanija tal-industrija militari Russa. Timmanifattura magni għall-inġenji tal-ajru militari Su-30, Su-35 u Su-57 li jintużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, tipproduċi magni għall-missili kruċieri strateġiċi mill-ajru għall-art Kh-101, li jintużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa fl-Ukrajna.<br>Għalhekk, UEC-Saturn qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 289. | JSC Smolensk Aviation Plant<br>(АО "Смоленский авиационный завод") | Indirizz: 214006, Smolensk, st. Frunze 74, Russian Federation<br>Telefown: +8 (4812) 29-93-74<br>Fax: +8 (4812) 21 95 50<br>Email: oaosmaz@yandex.ru<br>Sit web: http://www.smaz.ru/ | Smolensk Aviation Plant hija manifattur Russu tal-inġenji tal-ajru u tal-missili. Tipprovdi armi lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa.<br>Timmanifattura l-missili Kh-59 li ntużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, Smolensk Aviation Plantt qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.



PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 290. | Nizhny Novgorod Sokol Aircraft Plant<br>(Нижегородский авиастроительный завод "Сокол") | Indirizz: 603035, Nizhny Novgorod, st. Chaadaeva, 1, Russian Federation<br>Telefown: (831) 242-36-03<br>Fax: (831) 242-33-04<br>Email: nazsokol@rsk-mig.ru<br>Sit web: https://uacrussia.ru/ru/corporation/company/nizhegorodskiy-aviastroitelnyy-zavod-sokol/ | Nizhny Novgorod Sokol Aircraft Plant hija kumpanija tal-avjazzjoni Russa. Hija kuntrattur tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Hija twettaq il-manutenzjoni u timmodernizza l-inġenji tal-ajru interċettaturi MiG-31 tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa taħt l-ordni tad-difiża tal-Istat. Uħud mill-MiG-31 modernizzati huma mgħammra bil-missili ballistiċi ipersoniċi Kinzhal llanċjati mill-ajru.<br>L-inġenji tal-ajru interċettaturi MiG-31 mgħammra bil-missili Kinzhal jintużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 291. | JSC TUPOLEV<br>(ПАО "Туполев") | Indirizz: 105005, Moscow, Academician Tupolev Embankment 17, Russian Federation<br>Telefown: +7 (499) 263-77-77<br>Fax: +7 (843) 533-40-78<br>Email: info@tupolev.ru<br>Sit web: www.tupolev.ru | JSC Tupolev hija kumpanija tal-industrija militari Russa. Tipprovdi ajrulani tal-gwerra lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Hija żviluppat trasportaturi ta' missili strateġiċi Tu-160 u l-bombers fuq distanza twila TU-22M3M/TU-22M3, li huma mmanifatturati mill-kumpanija sussidjarja tagħha, Kazan Aircraft Production Association. It-Tu-160 u t-TU-22M3M/TU-22M3 jintużaw mill-Forza tal-Ajru tal-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa materjalment lil u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 292. | Voronezh Aircraft Production Association (VASO)<br><br>magħruf ukoll bħala<br><br>PJSC "VASO"<br><br>(ПАО Воронежское акционерное самолётостроительное общество) | Indirizz: Tsiolkovsky str. 27, 394029, Voronezh, Russian Federation<br><br>Telefown: +7 473 244-88-00<br><br>Fax: +7 473 249-90-17<br><br>Email: admin@air.vrn.ru<br><br>Sit web: www.vaso.ru | Voronezh Aircraft Production Association hija kumpanija Russa tal-industrija tal-inġenji tal-ajru li hija sussidjarja ta' PJSC Ilyushin Aviation Complex. Hija fornitur tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Hija timmanifattura partijiet tal-inġenji tal-ajru għat-trasportaturi bl-ajru strateġiċi Il-76. L-Il-76 jintużaw mill-Forzi tal-Ajru tal-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, tipproduċi l-inġenju tal-ajru Il-96 għall-Iskwadra Speċjali tat-Ajru "Rossiya" tal-flotta presidenzjali Russa.<br><br>Għalhekk, Voronezh Aircraft Production Association qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 293. | International Society "ZNANIE"<br>magħrufa wkoll bħala<br>International Scientific and Educational Society ”Znanie”<br>magħrufa wkoll bħala<br>All Union "Znanie" Society<br>(Всесоюзное общество "Знание") | Indirizz: 109240 Moscow, Nikoloyamskaya 11 st., building 1, Russian Federation<br>Telefown: +7 499 393-33-38<br>Email: info@znanierussia.ru<br>Sit web: https://znanierussia.ru | Znanie hija organizzazzjoni edukattiva u propagandista Russa, li nħolqot b'digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa.<br>Znanie torganizza avvenimenti tal-massa fit-territorju tal-Federazzjoni Russa, li matulhom tapprova l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u xxerred diżinformazzjoni u propaganda favur il-Kremlin dwar il-gwerra. Kellha wkoll laqgħat għall-persunal tal-Gwardja Nazzjonali (Rosgvardiya) u l-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa.<br>Znanie torganizza avvenimenti pubbliċi fit-territorji Ukreni annessi illegalment ta' Donetsk, Luhansk u Zaporizhzhia, li jippromwovu l-gwerra u narrattivi foloz dwar l-allegat karattru Russu tar-reġjuni Ukreni annessi. Barra minn hekk, hija involuta fil-proċess ta' Russifikazzjoni tal-popolazzjoni lokali tal-Ukrajna.<br>Għalhekk, Znanie qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 294. | Imperial Tula Arms Plant<br>magħrufa wkoll bħala<br>Tula Arms Plant<br>(Императорский Тульский оружейный завод<br>magħrufa wkoll bħala<br>Тульский оружейный завод) | Indirizz: Sovetskaya 1-A, Tula, 300002, Russian Federation<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi<br>Post tar-reġistrazzjoni: Tula, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 02.09.2002<br>TIN: 7107003303<br>OGRN: 1027100507147<br>Post prinċipali tan-negozju: Tula, Russian Federation | Imperial Tula Arms Plant tipproduċi s-sistema ta' missili antitank Konkurs-M. Hija kabbret il-produzzjoni tas-sistemi tal-missili għall-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, Imperial Tula Arms Plant qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 295. | Foundation "Defenders of the Fatherland"<br><br>magħrufa wkoll bħala<br><br>Defenders of the Fatherland Foundation<br><br>magħrufa wkoll bħala<br><br>State Fund For Support Of Participants Of The Special Military Operation "Defenders of the Fatherland"<br><br>(ФОНД "ЗАЩИТНИКИ ОТЕЧЕСТВА" | Indirizz: Russian Federation, Moscow, vn.ter.g. Khamovniki municipal district, Prechistensky lane, 9A<br><br>Tip ta' entità: organizzazzjoni mhux governattiva<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 3.4.2023<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: (TIN) 9704211491; (OGRN) 1237700341801<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Moscow, Russian Federation | Il-fondazzjoni "Defenders of the Fatherland" twaqqfet permezz ta' digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa f'April 2023 biex tgħin lill-veterani Russi tal-gwerra ta' aggressjoni fl-Ukrajna. Il-Fondazzjoni hija ffinanzjata mill-Gvern Russu u l-persunal ewlieni jinħatar direttament mill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin jew mill-Gvern Russu u hija magħmula minn persuni prominenti b'rabtiet mill-qrib mal-President Vladimir Putin jew mal-Kremlin.<br><br>Il-Fondazzjoni taqdi rwol importanti fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna peress li tappoġġa lill-veterani li ħadu sehem fl-azzjonijiet militari fl-Ukrajna. Il-Fondazzjoni topera wkoll fit-territorji okkupati illegalment tal-Oblasts ta' Donetsk u Luhansk u l-Krimea. Il-Fondazzjoni kkonkludiet ftehimiet ma' diversi organizzazzjonijiet u gvernijiet lokali oħra għall-finijiet ta' appoġġ għall-veterani tal-gwerra ta' aggressjoni. Il-Fondazzjoni tappoġġa l-veterani, inkluż ġellieda minn Donetsk u Luhansk. Il-Fondazzjoni hija involuta wkoll fir-riabilitazzjoni tal-veterani għar-ritorn tagħhom fis-servizz attiv għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. | + |

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | magħrufa wkoll bħala<br>Государственный фонд поддержки участников специальной военной операции "защитники отечества") | | Għalhekk, il-Fondazzjoni "Defenders of the Fatherland" hija responsabbli għall-appoġġ materjali u finanzjarju ta' azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk hija qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | |

PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 296. | LLC Mayak<br>(ООО "МАЯК") | Indirizz: Perova Polya proezd 9, building 1, Moscow, Russian Federation<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br>Post tar-reġistrazzjoni: Perova Polya proezd 9, building 1, Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 3.11.2015<br>Numru tar-reġistrazzjoni: (OGRN): 5157746008195<br>Post prinċipali tan-negozju: Moscow, Russian Federation | LLC Mayak hija bejjiegħ bl-ingrossa bbażat fir-Russja. Il-kumpanija hija involuta fl-"importazzjoni parallela" lejn ir-Russja ta' oġġetti soġġetti għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Dawn l-oġġetti jiġu importati mingħajr il-kunsens tal-manifattur. Għalhekk, LLC Mayak qed tfixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014. | + |

[+] ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 297. | AST JSC<br>magħrufa wkoll bħala<br>Aktsionernoe Obshchestvo AST<br>magħrufa wkoll bħala<br>AO AST<br>magħrufa wkoll bħala<br>AO ACT<br>magħrufa wkoll bħala<br>Advanced Systems Technologies<br>(Акционерное Общество АСТ) | Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 9.7.2002<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7724244406<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | AST JSC hija entità li topera fis-settur Russu tal-IT, inkluż fil-qasam tas-sigurtà tal-IT u l-iżvilupp sperimentali tal-kompjuters. AST JSC għandha liċenzja amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ, kif ukoll liċenzja amministrata mis-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (Federal Security Service, FSB).<br>Il-liċenzja amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ tkopri l-"iżvilupp, il-produzzjoni, l-ittestjar, l-installazzjoni, il-manutenzjoni, ir-rimi u l-bejgħ ta' armi u tagħmir militari". Il-liċenzja tal-FSB tinħareġ lil kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw teknoloġija ta' kriptaġġ u kriptografija, sistemi ta' informazzjoni u sistemi ta' telekomunikazzjoni għas-servizzi tal-intelligence Russi, kif ukoll kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw sistemi ta' ġestjoni ta' bażijiet ta' data personali għas-servizzi tas-sigurtà Russi (jiġifieri għodod imfassla speċifikament biex jaħżnu, jirkupraw u jimmaniġġaw ammonti kbar ta' data miksuba permezz ta', pereżempju, scraping tal-media soċjali jew prattiki oħra ta' ġbir ta' intelligence).<br>Għalhekk, AST JSC tikkonstitwixxi entità li topera fis-settur Russu tal-IT b'liċenzja amministrata miċ-Ċentru tal-FSB għall-Għoti ta' Liċenzji, iċ-Ċertifikazzjoni, u l-Ħarsien tas-Sigrieti tal-Istat u liċenzja ta' "armi u tagħmir militari" amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ. | + |

PUBLIC

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 298. | Infoteks JSC<br>magħrufa wkoll bħala<br>Infotecs<br>magħrufa wkoll bħala<br>Kumpanija b'Ishma Konġunti "Teknoloġiji tal-Informazzjoni u Sistemi ta' Komunikazzjoni"<br>(АО "Инфотекс"<br>magħrufa wkoll bħala<br>Акционерное Общество "Инфотекс"<br>magħrufa wkoll bħala<br>Акционерное Общество "Информационные Технологии И Коммуникационные Системы") | Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 21.3.1995<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7710013769<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | Infoteks JSC hija entità li topera fis-settur Russu tal-IT, inkluż fil-qasam tal-ipprogrammar bil-kompjuter u l-manifattura tal-kompjuters. Infoteks JSC għandha liċenzji amministrati mis-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB).<br>Il-liċenzja tal-FSB tinħareġ lil kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw teknoloġija ta' kriptaġġ u kriptografija, sistemi ta' informazzjoni, u sistemi ta' telekomunikazzjoni għas-servizzi tal-intelligence Russi, kif ukoll kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw sistemi ta' ġestjoni ta' bażijiet ta' data personali għas-servizzi tas-sigurtà Russi (jiġifieri għodod imfassla speċifikament biex jaħżnu, jirkupraw u jimmaniġġaw ammonti kbar ta' data miksuba permezz ta', pereżempju, scraping tal-media soċjali jew prattiki oħra ta' ġbir ta' intelligence). Għalhekk, Infoteks JSC tikkostitwixxi entità li topera fis-settur Russu tal-IT b'liċenzja amministrata miċ-Ċentru tal-FSB għall-Għoti ta' Liċenzji, iċ-Ċertifikazzjoni, u l-Ħarsien tas-Sigrieti tal-Istat. | + |

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 299. | JSC Beto<br>magħrufa wkoll bħala Bashkir Electronic Telecommunication Association<br>(АО "Бэто";<br>magħrufa wkoll bħala<br>АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО "БЭТО"<br>magħrufa wkoll bħala<br>Башкирское электронно-телекомму-никационное объединение) | Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (450022, Republic of Bashkortostan, Ufa city, Mendeleev street, 134)<br>Data tar-reġistrazzjoni: 29.7.2000<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 0274068924<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | JSC Beto hija intrapriża militari-industrijali Russa li tiżviluppa sistemi ta' telekomunikazzjoni, inkluż riċevituri tar-radju, li huma użati mill-Forzi Armati Russi. JSC Beto għandha diversi kuntratti mal-Ministeru għad-Difiża Russu u mad-Dipartiment tal-Provvista Materjali u Teknika fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC Beto qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

PUBLIC

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 300. | JSC "Scientific and Engineering Enterprise Informzashchita"<br>magħrufa wkoll bħala<br>JSC Informzashchita<br>magħrufa wkoll bħala<br>Scientific and Engineering Enterprise "Informzashchita"<br>magħrufa wkoll bħala<br>Scientific and Engineering Enterprise "Information Security"<br>magħrufa wkoll bħala<br>Scientific and Engineering Enterprise "Infosec" | Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 27.7.1995<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7702148410<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | JSC Informzashchita hija entità li topera fis-settur Russu tal-IT, inkluż fil-qasam tal-ipprogrammar bil-kompjuter u l-"konsulenza dwar il-kompjuters". JSC Informzashchita għandha liċenzji amministrati mis-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB).<br>Waħda mill-liċenzji li għandha JSC Informzashchita tinħareġ lil kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw teknoloġija ta' kriptaġġ u kriptografija, sistemi ta' informazzjoni, u sistemi ta' telekomunikazzjoni għas-servizzi tal-intelligence Russi, kif ukoll kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw "sistemi ta' ġestjoni ta' bażijiet ta' data personali" għas-servizzi tas-sigurtà Russi (jiġifieri għodod imfassla speċifikament biex jaħżnu, jirkupraw u jimmaniġġaw ammonti kbar ta' data miksuba permezz ta', pereżempju, scraping tal-media soċjali jew prattiki oħra ta' ġbir ta' intelligence).<br>Għalhekk, JSC Informzashchita tikkostitwixxi entità li topera fis-settur Russu tal-IT b'liċenzja amministrata miċ-Ċentru tal-FSB għall-Għoti ta' Liċenzji, iċ-Ċertifikazzjoni, u l-Ħarsien tas-Sigrieti tal-Istat. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.



PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | magħrufa wkoll bħala<br>Aktsionernoye Obshchestvo Nauchno-Inzhenernoye Predpriyatiye "Informzashchita"<br>magħrufa wkoll bħala<br>AO NIP "Informzashchita"<br>(Акционерное Общество Научно-Инженерное Предприятие "Информзащита"<br>magħrufa wkoll bħala<br>АО НИП "Информзащита") | | | |

PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 301. | JSC Kometa<br>magħrufa wkoll bħala<br>Corporation Kometa<br>magħrufa wkoll bħala<br>Comet<br>magħrufa wkoll bħala<br>Special Purpose Space Systems Corporation<br>(АО Корпорация Комета<br>magħrufa wkoll bħala<br>Акционерное Общество "Корпорация Космических Систем Специального Назначения "Комета") | Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (115068, Moscow, Velozavodskaya st., 5)<br>Data tar-reġistrazzjoni: 10.5.2012<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7723836671<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | JSC Kometa hija kumpanija ewlenija fil-kumpless militari-industrijali tal-Federazzjoni Russa. Hija tiżviluppa sistemi tal-armi għall-Forzi Armati Russi, kif ukoll sistemi ta' ġestjoni tal-informazzjoni spazjali u ta' intelligence, inkluż is-sistema Russa għad-difiża tal-missili ballistiċi "Kupol", l-armi tal-ġettijiet, is-sistemi ta' rikonjizzjoni spazjali, is-sistemi ta' difiża kontra l-ispazju, u s-sistemi tal-missili. Barra minn hekk, JSC Kometa għandha liċenzja amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ għas-"servizz ta' manutenzjoni ta' armi u tagħmir militari".<br>Għalhekk, JSC Kometa hija entità li qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 302. | Lebedev Institute of Precision Mechanics and Computer Engineering<br>magħruf ukoll bħala<br>IPMCE<br>magħruf ukoll bħala ITMIVT JSC<br>magħruf ukoll bħala<br>Joint Stock Company "Institute of Precision Mechanics and Computing Equipment Named After S.A. Lebedev of the Russian Academy of Sciences"<br>magħruf ukoll bħala<br>Institute of Precision Mechanics and Computing Equipment Named After S.A. Lebedev of the Russian Academy of Sciences | Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 3.8.2009<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7736605544<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | Il-Lebedev Institute of Precision Mechanics and Computer Engineering huwa entità li topera fis-settur Russu tal-IT, inkluż fil-qasam tal-iżvilupp tal-kompjuter u tas-semikondutturi. Il-Lebedev Institute of Precision Mechanics and Computer Engineering għandu liċenzja amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ, kif ukoll liċenzja amministrata mis-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB). Il-liċenzja amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ tkopri l-"iżvilupp, il-produzzjoni, l-ittestjar, l-installazzjoni, il-manutenzjoni, ir-rimi u l-bejgħ ta' armi u tagħmir militari". Il-liċenzja tal-FSB tinħareġ lil kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw teknoloġija ta' kriptaġġ u kriptografija, sistemi ta' informazzjoni, u sistemi ta' telekomunikazzjoni għas-servizzi tal-intelligence Russi, kif ukoll kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw "sistemi ta' ġestjoni ta' bażijiet ta' data personali" għas-servizzi tas-sigurtà Russi (jiġifieri għodod imfassla speċifikament biex jaħżnu, jirkupraw u jimmaniġġaw ammonti kbar ta' data miksuba permezz ta', pereżempju, scraping tal-media soċjali jew prattiki oħra ta' ġbir ta' intelligence). Għalhekk, Lebedev Institute of Precision Mechanics and Computer Engineering tikkonstitwixxi entità li topera fis-settur Russu tal-IT b'liċenzja amministrata miċ-Ċentru tas- FSB għall-Għoti ta' Liċenzji, iċ-Ċertifikazzjoni, u l-Ħarsien tas-Sigrieti tal-Istat u liċenzja ta' "armi u tagħmir militari" amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | magħrufa wkoll bħala<br>Aktsionernoye Obshchestvo "Institut Tochnoy Mekhaniki I Vychislitel'noy Tekhniki Imeni S.A. Lebedeva Rossiyskoy Akademii Nauk"<br>magħrufa wkoll bħala<br>Aktsionernoye Obshchestvo ITMIVT<br>(Акционерное Общество "Институт Точной Механики И Вычислительной Техники Имени С.А. Лебедева Российской Академии Наук"<br>magħrufa wkoll bħala<br>АО "ИТМИВТ") | | | |

PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 303. | LLC Avaland System Integration<br>magħrufa wkoll bħala Avaland<br>magħrufa wkoll bħala LLC Avaland SI<br>magħrufa wkoll bħala<br>OOO "Avaland Si"<br>magħrufa wkoll bħala<br>Obshchestvo S Ogranichennoy Otvetstvennost'yu "Avaland Sistemnaya Integratsiya"<br>(ООО "Аваланд Си"<br>magħrufa wkoll bħala<br>Общество С Ограниченной Ответственностью "Аваланд Системная Интеграция") | Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 7.11.2005<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7743575354<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | LLC Avaland System Integration hija entità li topera fis-settur Russu tal-IT inkluż fil-qasam tal-"manifattura tat-tagħmir elettroniku" u l-"manifattura ta' kompjuters". LLC Avaland System Integration għandha liċenzja amministrata mis-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB).<br>Il-liċenzja tal-FSB li għandha LLC Avaland System Integration tinħareġ lil kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw teknoloġija ta' kriptaġġ u kriptografija, sistemi ta' informazzjoni, u sistemi ta' telekomunikazzjoni għas-servizzi tal-intelligence Russi, kif ukoll kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw "sistemi ta' ġestjoni ta' bażijiet ta' data personali" għas-servizzi tas-sigurtà Russi (jiġifieri għodod imfassla speċifikament biex jaħżnu, jirkupraw u jimmaniġġaw ammonti kbar ta' data miksuba permezz ta', pereżempju, scraping tal-media soċjali jew prattiki oħra ta' ġbir ta' intelligence).<br>Għalhekk, LLC Avaland System Integration tikkostitwixxi entità li topera fis-settur Russu tal-IT b'liċenzja amministrata miċ-Ċentru tas-FSB għall-Għoti ta' Liċenzji, iċ-Ċertifikazzjoni, u l-Ħarsien tas-Sigrieti tal-Istat. | + |

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 304. | LLC Bizon<br>magħrufa wkoll bħala BI.ZONE<br>magħrufa wkoll bħala LLC Bison<br>magħrufa wkoll bħala<br>LLC Safe Information Zone<br>magħrufa wkoll bħala LLC Secure Information Zone<br>ООО "Безопасная Информационная Зона"<br>magħrufa wkoll bħala<br>ООО "Бизон") | Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 30.3.2016<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 9701036178<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | LLC Bizon hija entità li topera fis-settur Russu tal-IT, inkluż fil-qasam tal-ġestjoni tal-bażi tad-data u tal-informazzjoni u l-kostruzzjoni ta' linji ta' komunikazzjoni fuq distanzi twal. LLC Bizon għandha liċenzja amministrata mis-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB).<br>Il-liċenzja tal-FSB li għandha LLC Bizon tinħareġ lil kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw teknoloġija ta' kriptaġġ u kriptografija, sistemi ta' informazzjoni, u sistemi ta' telekomunikazzjoni għas-servizzi tal-intelligence Russi, kif ukoll kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw "sistemi ta' ġestjoni ta' bażijiet ta' data personali" għas-servizzi tas-sigurtà Russi (jiġifieri għodod imfassla speċifikament biex jaħżnu, jirkupraw u jimmaniġġaw ammonti kbar ta' data miksuba permezz ta', pereżempju, scraping tal-media soċjali jew prattiki oħra ta' ġbir ta' intelligence).<br>Għalhekk, LLC Bizon tikkostitwixxi entità li topera fis-settur Russu tal-IT b'liċenzja amministrata miċ-Ċentru tal-FSB għall-Għoti ta' Liċenzji, iċ-Ċertifikazzjoni, u l-Ħarsien tas-Sigrieti tal-Istat. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 305. | LLC Bolshaya Troika<br>magħrufa wkoll bħala<br>LLC Big Three<br>magħrufa wkoll bħala<br>LLC Bolshaia Troika<br>magħrufa wkoll bħala<br>OOO "Bol'shaya Troyka"<br>magħrufa wkoll bħala<br>Obshchestvo S Ogranichennoy Otvetstvennost'yu "Bol'shaya Troyka"<br>(ООО "Большая Тройка") | Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 20.7.2010<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7716668049<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | LLC Bolshaya Troika hija entità li topera fis-settur tal-IT Russu, inkluż fil-qasam tal-ipprogrammar bil-kompjuter u l-manifattura ta' elementi ta' tagħmir elettroniku. LLC Bolshaya Troika għandha liċenzja amministrata mis-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB).<br>Il-liċenzja tal-FSB li għandha LLC Bolshaya Troika tinħareġ lil kumpaniji kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw teknoloġija ta' kriptaġġ u kriptografija, sistemi ta' informazzjoni u sistemi ta' telekomunikazzjoni għas-servizzi tal-intelligence Russi, kif ukoll kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw sistemi ta' ġestjoni ta' bażijiet ta' data personali għas-servizzi tas-sigurtà Russi (jiġifieri għodod imfassla speċifikament biex jaħżnu, jirkupraw u jimmaniġġaw ammonti kbar ta' data miksuba permezz ta', pereżempju, scraping tal-media soċjali jew prattiki oħra ta' ġbir ta' intelligence).<br>Għalhekk, LLC Bolshaya Troika tikkostitwixxi entità li topera fis-settur tal-IT Russu b'liċenzja amministrata miċ-Ċentru tal- FSB għall-Għoti ta' Liċenzji, iċ-Ċertifikazzjoni, u l-Ħarsien tas-Sigrieti tal-Istat. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 306. | Mikron JSC<br>(Акционерное Общество "Микрон"<br>magħrufa wkoll bħala<br>АО "Микрон") | Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 13.1.1994<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7735007358<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | MIKRON JSC hija entità li topera fis-settur tal-IT Russu, inkluż fil-qasam tal-elettronika. Mikron JSC għandha liċenzji amministrati mis-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB).<br>Waħda mil-liċenzji tal-FSB li għandha Mikron JSC tinħareġ lil kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw teknoloġija ta' kriptaġġ u kriptografija, sistemi ta' informazzjoni, u sistemi ta' telekomunikazzjoni għas-servizzi tal-intelligence Russi, kif ukoll kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw sistemi ta' ġestjoni ta' bażijiet ta' data personali għas-servizzi tas-sigurtà Russi (jiġifieri għodod imfassla speċifikament biex jaħżnu, jirkupraw u jimmaniġġaw ammonti kbar ta' data miksuba permezz ta', pereżempju, scraping tal-media soċjali jew prattiki oħra ta' ġbir ta' intelligence).<br>Għalhekk, Mikron JSC tikkostitwixxi entità li topera fis-settur Russu tal-IT b'liċenzja amministrata miċ-Ċentru tal-FSB għall-Għoti ta' Liċenzji, iċ-Ċertifikazzjoni, u l-Ħarsien tas-Sigrieti tal-Istat. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 307. | N-Systems LTD<br>magħrufa wkoll bħala<br>N-Sistems LTD<br>magħrufa wkoll bħala<br>Obshchestvo S Ogranichennoy Otvetstvennost'yu "N-Sistems"<br>magħrufa wkoll bħala<br>OOO "N-Sistems"<br>(Общество С Ограниченной Ответственностью "Н-Систeмс"<br>magħrufa wkoll bħala<br>OOO "Н-Систeмс") | Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 24.2.2012<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7717719144<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | N-Systems LTD hija entità li topera fis-settur Russu tal-IT, inkluż fil-qasam tal-ipprogrammar bil-kompjuter. N-Systems LTD għandha liċenzja amministrata mis-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB).<br>Il-liċenzja tal-FSB li għandha N-Systems LTD tinħareġ lil kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw teknoloġija ta' kriptaġġ u kriptografija, sistemi ta' informazzjoni, u sistemi ta' telekomunikazzjoni għas-servizzi tal-intelligence Russi, kif ukoll kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw sistemi ta' ġestjoni ta' bażijiet ta' data personali għas-servizzi tas-sigurtà Russi (jiġifieri għodod imfassla speċifikament biex jaħżnu, jirkupraw u jimmaniġġaw ammonti kbar ta' data miksuba permezz ta', pereżempju, scraping tal-media soċjali jew prattiki oħra ta' ġbir ta' intelligence).<br>Għalhekk, N-Systems LTD tikkostitwixxi entità li topera fis-settur Russu tal-IT b'liċenzja amministrata miċ-Ċentru tal-FSB għall-Għoti ta' Liċenzji, iċ-Ċertifikazzjoni, u l-Ħarsien tas-Sigrieti tal-Istat. | + |

PUBLIC

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 308. | JSC ICC Milandr<br>magħrufa wkoll bħala Milandr<br>magħrufa wkoll bħala AO PKK Milandr<br>magħrufa wkoll bħala JSC ICC Milandr<br>magħrufa wkoll bħala JSC PKK Milandr<br>magħrufa wkoll bħala PKK Milandr AO<br>magħrufa wkoll bħala MPK Milandr OOO<br>(Акционерное Общество "ПКК Миландр") | Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 1.12.1993<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7735040690<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | JSC ICC Milandr hija entità li topera fis-settur tal-IT Russu, inkluż fil-qasam tal-manifattura tat-tagħmir elettroniku. JSC ICC Milandr għandha liċenzja amministrata mis-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB).<br>Il-liċenzja tal-FSB li għandha JSC ICC Milandr tinħareġ lil kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw teknoloġija ta' kriptaġġ u kriptografija, sistemi ta' informazzjoni, u sistemi ta' telekomunikazzjoni għas-servizzi tal-intelligence Russi, kif ukoll kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw sistemi ta' ġestjoni ta' bażijiet ta' data personali għas-servizzi tas-sigurtà Russi (jiġifieri għodod imfassla speċifikament biex jaħżnu, jirkupraw u jimmaniġġaw ammonti kbar ta' data miksuba permezz ta', pereżempju, scraping tal-media soċjali jew prattiki oħra ta' ġbir ta' intelligence).<br>Għalhekk, JSC ICC Milandr tikkostitwixxi entità li topera fis-settur Russu tal-IT b'liċenzja amministrata miċ-Ċentru tal- FSB għall-Għoti ta' Liċenzji, iċ-Ċertifikazzjoni, u l-Ħarsien tas-Sigrieti tal-Istat. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 309. | PMC Andreevsky Krest<br>magħrufa wkoll bħala<br>PMC St. Andrew's Cross<br>(ЧВК Андреевский Кресть) | Post tal-attivitajiet: Ukraine, Russian Federation<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | PMC Andreevsky Krest (magħrufa wkoll bħala San Andrew's Cross) hija kumpanija militari privata Russa li tipparteċipa f'operazzjonijiet Russi ta' ġlied fl-Ukrajna. PMC Andreevsky Krest inħolqot mill-Knisja Ortodossa Russa fl-2017. Minn dak iż-żmien 'l hawn, hija offriet taħriġ tattiku lill-kumbattenti Russi li qed jipparteċipaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Wara li l-kumbattenti jtemmu t-taħriġ tattiku offrut minn PMC Andreevsky Krest, huma jiffirmaw kuntratti mal-Ministeru għad-Difiża Russu jew il-Grupp Wagner. Barra minn hekk, PMC Andreevsky Krest ħolqot battaljuni volontarji tagħha stess li jikkontribwixxu b'mod attiv għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, PMC Andreevsky Krest qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.



PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 310. | PMC Fakel<br>magħrufa wkoll bħala<br>PMC Flame<br>magħrufa wkoll bħala Flame<br>magħrufa wkoll bħala Gazprom PMC | Post tal-attivitajiet: Ukraine, Russian Federation<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | PMC Fakel hija kumpanija militari privata Russa li tippartecipa f'operazzjonijiet Russi ta' ġlied fl-Ukrajna. Maħluqa u ffinanzjata mill-korporazzjoni tal-enerġija Russa Gazprom, il-battaljuni volontarji ta' PMC Fakel jikkonsistu l-aktar minn impjegati ta' Gazprom, li fil-biċċa l-kbira jaħdmu fil-fergħa tal-gwardji tas-sigurtà. Il-battaljuni volontarji ta' PMC Fakel jikkontribwixxu direttament għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, PMC Fakel qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 311. | PMC Potok<br>magħrufa wkoll bħala PMC "Stream"<br>magħrufa wkoll bħala "The Stream"<br>magħrufa wkoll bħala Gazprom PMC | Post tal-attivitajiet: Ukraine, Russian Federation<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | PMC Potok hija kumpanija militari privata Russa li tipparteċipa f'operazzjonijiet Russi ta' ġlied fl-Ukrajna. Maħluqa u ffinanzjata mill-korporazzjoni tal-enerġija Russa Gazprom, il-battaljuni volontarji ta' PMC Potok jikkonsistu l-aktar minn impjegati ta' Gazprom, li fil-biċċa l-kbira jaħdmu fil-fergħa tal-gwardji tas-sigurtà. Il-battaljuni volontarji ta' PMC Potok jikkontribwixxu direttament għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-battaljuni volontarja ta' PMC Potok ġew imħarrġa u trasferiti lejn Rostov-on-Don, fejn ġew assenjati lil diversi unitajiet tal-Forzi Armati Russi sabiex jipparteċipaw f'operazzjonijiet ta' ġlied fl-Ukrajna. Għalhekk Potok qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

PUBLIC

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 312. | PMC Tsarskie Volki<br>magħrufa wkoll bħala<br>Tsar Wolves | Post tal-attivitajiet: Ukraine, Russian Federation<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | PMC Tsarskie Volki hija kumpanija militari privata Russa li tipparteċipa b'mod dirett f'operazzjonijiet Russi ta' ġlied fl-Ukrajna. Il-kumbattenti ta' PMC Tsarskie Volki jipparteċipaw b'mod attiv f'operazzjonijiet Russi fl-hekk imsejħa "Donetsk People's Republic" u l-hekk imsejħa "Luhansk People's Republic". L-organizzazzjoni tikkonsisti b'mod predominanti minn esperti militari-tekniċi li jaħdmu fuq l-iżvilupp ta' armi u materjali splussivi f'isem il-Forzi Armati Russi. PMC Tsarskie Volki pprovdiet assistenza militari-teknika lil unitajiet tal-hekk imsejħa "Donetsk People's Republic" u "Luhansk People's Republic" u ħarrġithom f'attivitajiet ta' rikonjizzjoni u attakk. Barra minn hekk, PMC Tsarskie Volki ddisinjat u ttestjat mijiet ta' armi u splussivi fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Pereżempju, PMC Tsarskie Volki żviluppat l-hekk imsejjaħ tank robotiku "Marker" li serva biex qered vetturi armati Ukreni.<br>Għalhekk, PMC Tsarskie Volki qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.



PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 313. | JSC Reshetnev<br><br>magħrufa wkoll bħala Joint Stock Company "Information Satellite Systems" Named After Academician M.F. Reshetneva"<br><br>(Акционерное Общество "Информационные Спутниковые Системы" Имени Академика М.Ф. Решетнёва"<br><br>magħrufa wkoll bħala AO Решетнёв) | Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation (Krasnoyarsk kr., Zheleznogorsk, st. Lenina, d. ZD. 52)<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 3.3.2008<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2452034898<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | JSC Reshetnev hija intrapriża militari-industrijali Russa li hija responsabbli għat-tfassil u t-tħaddim tas-sistema ta' navigazzjoni bis-satellita GLONASS, li hija użata mill-Forzi Armati Russi biex twettaq attakki ta' preċiżjoni għolja fuq l-infrastruttura ċivili u militari Ukrena. Il-Forzi Armati Russi jiddependu fuq servizzi pprovduti minn JSC Reshetnev għall-pożizzjonament, in-navigazzjoni, u l-ħin ta' attakki bil-missili kruċieri fuq miri fl-Ukrajna. Is-sistema GLONASS żviluppata minn JSC Reshetnev tintuża primarjament mill-militar Russu biex jolqot bliet Ukreni. Sistemi ta' armi abilitati minn GLONASS użati fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna jinkludu d-droni Orlan-10 u Shahed-136, Tornado-S u s-Sistemi ta' Llanċjar ta' Rokits Multipli Smerch, Iskander, Kalibr, u missili Kinzhal, kif ukoll il-missili kruċieri u tal-avjazzjoni Kh-101, Kh-555, Kh-38, Kh-59MK u Kh-31.<br><br>JSC Reshetnev għalhekk qed tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, JSC Reshetnev qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 314. | Rosfinmonitoring<br>magħruf ukoll bħala<br>Federal Service for Financial Monitoring<br>magħruf ukoll bħala<br>Federal Financial Monitoring Service of the Russian Federation<br>magħruf ukoll bħala Federal Service for Financial Monitoring of the Russian Federation<br>magħruf ukoll bħala<br>FIU-Russia<br>(Федеральная Служба По Финансовому Мониторингу<br>magħruf ukoll bħala<br>Росфинмониторинг) | Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation (107450, Moscow, Myasnitskaya st., 39/1)<br>Data tar-reġistrazzjoni: 18.6.2004<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7708234633<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | Rosfinmonitoring huwa korp eżekuttiv federali Russu maħluq b'digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa fl-2001, responsabbli għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. L-attivitajiet kollha mwettqa minn Rosfinmonitoring jaqgħu taħt is-superviżjoni diretta tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin.<br>Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-ukrajna fi Frar 2022, Rosfinmonitoring ikkoopera mal-Ministeru għad-Difiża Russu dwar proġett għal appoġġ bankarju u tat-teżor biex jissodisfa l-hekk imsejjaħ "ordni ta' difiża tal-Istat" ġdida tar-Russja, li ġiet imposta wara l-bidu tal-gwerra bl-għan li tiġi militarizzata l-ekonomija Russa.<br>Rosfinmonitoring b'mod konsistenti poġġa persuni u entitajiet meqjusa kritiċi tal-Kremlin fir-reġistru tiegħu ta' terroriżmu u estremiżmu, inkluż ġurnalisti u pjattaformi tal-media soċjali li huma proprjetà tal-Punent.<br>Għalhekk, Rosfinmonitoring qed jappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 315. | RSB Group<br>magħruf ukoll bħala<br>Rossiyskiye Sistemy Bezopasnosti<br>magħruf ukoll bħala<br>OBSHCHESTVO S OGRANICHENNOY OTVETSTVENNOST'YU "RSB-GRUPP"<br>magħruf ukoll bħala<br>Russian Security Systems<br>magħruf ukoll bħala<br>RSB-GRUPP | Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation (117525, Moscow, st. Dnepropetrovskaya, D. 3, K. 5)<br>Data tar-reġistrazzjoni: 24.11.2005<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7726531639<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | RSB Group hija kumpanija militari privata Russa li tikkontribwixxi għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna billi tħarreġ suldati Russi u unitajiet tal-Forzi Speċjali għall-Gwerra fl-Ukrajna. Kumbattenti tal-RSB Group jikkonsistu minn persunal militari professjonali, kif ukoll uffiċjali ta' riżerva tad-Direttorat Ewlieni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati (GRU) u s-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Fl-attivitajiet tagħha, l-RSB Group tiddependi fuq professjonisti b'esperjenza ta' ġlied miksuba matul is-servizz militari fir-Russja. Fuq is-sit web uffiċjali tagħha, RSB Group tispjega li takkwista, tuża u taħżen armi barra mir-Russja. Għalhekk, RSB Group qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | magħruf ukoll bħala<br>RSB GRUPP<br>magħruf ukoll bħala<br>OOO "RSB-GRUPP"<br>(Российские Системы Безопасности<br>magħruf ukoll bħala<br>ООО "РСБ-ГРУПП") | | | |

PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 316. | Software Research Institute<br>magħruf ukoll bħala<br>JSC "SCIENTIFIC-RESEARCH INSTITUTE OF SOFTWARE"<br>magħruf ukoll bħala JSC NII PS<br>magħruf ukoll bħala<br>Research Institute of Software Tools | Post tar-reġistrazzjoni: St Petersburg, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 14.2.2011<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7804454896<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | Is-Software Research Institute hija entità li topera fis-settur Russu tal-IT, inkluż fil-qasam tal-ipprogrammar bil-kompjuter u l-manifattura tat-tagħmir militari. Is-Software Research Institute għandu liċenzja amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ, kif ukoll liċenzja amministrata mis-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB).<br>Il-liċenzja amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ tkopri l-iżvilupp, il-produzzjoni, l-ittestjar, l-installazzjoni, il-manutenzjoni, ir-rimi u l-bejgħ ta' armi u tagħmir militari. Il-liċenzja tal-FSB tinħareġ lil kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw teknoloġija ta' kriptaġġ u kriptografija, sistemi ta' informazzjoni, u sistemi ta' telekomunikazzjoni għas-servizzi tal-intelligence Russi, kif ukoll kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw "sistemi ta' ġestjoni ta' bażijiet ta' data personali" għas-servizzi tas-sigurtà Russi (jiġifieri għodod imfassla speċifikament biex jaħżnu, jirkupraw u jimmaniġġaw ammonti kbar ta' data miksuba permezz ta', pereżempju, scraping tal-media soċjali jew prattiki oħra ta' ġbir ta' intelligence). | + |

PUBLIC

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | magħruf ukoll bħala Joint-Stock Company "Research Institute of Software Tools" (АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО "НАУЧНО-ИССЛЕДОВАТЕЛЬСКИЙ ИНСТИТУТ ПРОГРАММНЫХ СРЕДСТВ" magħruf ukoll bħala АО "НАУЧНО-ИССЛЕДОВАТЕЛЬСКИЙ ИНСТИТУТ ПРОГРАММНЫХ СРЕДСТВ" magħruf ukoll bħala АО НИИ ПС) | | Għalhekk, is-Software Research Institute jikkonstitwixxi entità li topera fis-settur Russu tal-IT b'liċenzja amministrata miċ-Ċentru tal-FSB għall-Għoti ta' Liċenzji, iċ-Ċertifikazzjoni, u l-Ħarsien tas-Sigrieti tal-Istat u liċenzja ta' "armi u tagħmir militari" amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ. | |

PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 317. | Volunteers of Victory<br>magħruf ukoll bħala<br>Victory Volunteers<br>magħruf ukoll bħala<br>All-Russian Public Movement "Voluntery Pobedy"<br>magħruf ukoll bħala<br>Voluntery Pobedy<br>magħruf ukoll bħala<br>Voluntory Pobedy<br>magħruf ukoll bħala<br>Vserossiyskoye Obshchestvennoye Dvizheniye "Volontory Pobedy" | Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 28.10.2015<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7706428753<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | L-All-Russian Public Movement "Volunteers of Victory" hija organizzazzjoni ffinanzjata mill-gvern Russu li għandha l-għan li 'tippopolarizza l-kisbiet moderni tar-Russja'. L-organizzazzjoni torganizza parati favur ir-Russja għall-jum tar-rebħa fit-territorji okkupati tal-Ukrajna u tar-Russja, kif ukoll manifestazzjonijiet b'appoġġ għas-suldati Russi li jikkontribwixxu għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, il-"Volunteers of Victory" movement kien involut direttament fl-isforzi ta' edukazzjoni mill-ġdid tar-Russja billi rrekluta tfal fit-territorji okkupati tal-Ukrajna biex jingħaqdu mal-moviment pro-Russu tagħhom. L-organizzazzjoni hija taħt il-kontroll ta' Rosmolodezh, l-aġenzija federali għaż-żgħażagħ tal-Federazzjoni Russa, u d-diviżjoni tal-edukazzjoni patrijottika tagħha, Rospatriotcenter. Il-moviment "Volunteers of Victory" jirċievi finanzjament permezz ta' għotjiet presidenzjali Russi.<br>Għalhekk, il-moviment "Volunteers of Victory" hija entità li qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | magħruf ukoll bħala<br>Vserossiyskoye Obshchestvennoye Dvizheniye "Volontery Pobedy"<br>(Всероссийское Общественное Движение "Волонтёры Победы"<br>magħruf ukoll bħala<br>ВОД "Волонтёры Победы") | | | |

PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 318. | PMC Redut<br>magħrufa wkoll bħala<br>PMC Redoubt<br>ЧВК Редут<br>magħrufa wkoll bħala<br>Редут-Антитеррор<br>magħrufa wkoll bħala<br>ООО "РЕДУТ-БЕЗОПАСНОСТЬ" | Indirizz: Dubininskaya street 61, room IV, room 35, Moscow<br>Russian Federation<br>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 13.12.2019<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1197746727530 | Il-Kumpanija Militari Privata Redut ("PMC Redut") hija entità militari privata mhux inkorporata bbażata fir-Russja, li allegatament taħdem taħt il-kmand tal-Ministeru tad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Hija twettaq attivitajiet ta' sigurtà u relatati mal-militar, b'parteċipazzjoni diretta f'konflitti militari. Filwaqt li qabel kienet assoċjata ma' attivitajiet fis-Sirja, fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna PMC Redut kienet involuta f'attivitajiet ta' ġlied fl-Ukrajna, qrib l-Impjant tal-Enerġija Nukleari ta' Chernobyl u Kharkiv, kif ukoll wettqet sforzi ta' rikonjizzjoni qabel il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-ukrajna. Kienet marbuta wkoll ma' attentati ta' qtil fuq il-President tal-Ukrajna Volodymyr Zelenskyy.<br>Għalhekk, PMC Redut qed tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 319. | Educational and Methodological Center "Avangard"<br>magħruf ukoll bħala<br>Avangard Center<br>bir-Russu: Учебно-(методический центр "Авангард") | Indirizz: Building 9, Territory of "Patriot" Park,<br>Odintsovo Municipality,<br>Moscow Region, 143070<br>Russian Federation<br>Telefown: +8 (495) 108-51-57<br>Sit web:<br>https://avangard.center/<br>Email: info@avangardcenter.ru<br>Tip ta' entità: Organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ<br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 20.4.2020<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1205000035250<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | Educational and Methodological Center "Avangard" huwa organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ li jopera taħt il-gwida u l-kontroll tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. L-għan ewlieni tiegħu huwa li jipprovdi l-hekk imsejħa edukazzjoni patrijottika liż-żgħażagħ tar-Russja, kif ukoll lit-tfal fir-reġjuni okkupati temporanjament tal-Ukrajna, inkluż taħriġ militari bażiku, u li jipprovdi programmi ta' kontroll tad-droni. Jorganizza kampijiet militari għal dak l-għan, li l-parteċipazzjoni fihom saret obbligatorja minn Frar 2022, kif ukoll lezzjonijiet obbligatorji fl-iskola mill-1 ta' Settembru 2023.<br>Għalhekk, qed 133appoġġja materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 320. | Crimea Patriot Centre<br>magħruf ukoll bħala<br>KrymPatriotCentre<br>(ГБОУ ДО РК "Крымпатриотцентр") | Indirizz: Oktyabrya street 60, 13/64<br>Simferopol<br>Ukraine<br>Telefown: +7 (3652) 545-615<br>Sit web: https://www.krympatriotcentr.ru/<br>Tip ta' entità: Istituzzjoni edukattiva baġitarja tal-edukazzjoni addizzjonali tal-Istat<br>Post tar-reġistrazzjoni: Crimea, Ukraine<br>Data tar-reġistrazzjoni: 15.6.2015<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1159102101180<br>Post prinċipali tan-negozju: Crimea, Ukraine | Crimea Patriot Centre huwa organizzazzjoni bbażata fil-Krimea annessa illegalment, bl-objettiv ewlieni li tipprovdi lit-tfal tal-iskola fil-Krimea b'edukazzjoni militari-patrijottika sabiex tippreparahom għas-servizz fil-Forzi Armati tar-Russja. Il-Crimea Patriot Centre jikkoopera mal-All-Russia "Young Army" Military Patriotic Social Movement (Yunarmiya) biex jorganizza avvenimenti u programmi għat-tfal tal-iskola b'appoġġ għall-Armata Russa u b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawk il-programmi għandhom l-għan li jgħallmu lit-tfal jużaw l-armi. Iċ-ċentru jxerred ukoll propaganda relatata mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u jigglorifika s-suldati li pparteċipaw fil-gwerra. Il-Crimea Patriot Centre jopera bl-appoġġ u l-finanzjament mill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa u mingħajr il-kunsens tal-gvern Ukren.<br>Għaldaqstantqed jappoġġja b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.



PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 321. | PMC Convoy<br>magħrufa wkoll bħala<br>Military-security organization "Convoy"<br>(ЧВК Конвой) | Indirizz: Novocherkassky Ave., 5a, letter A, office/room 1-N/35,<br>St. Petersburg,<br>Russian Federation<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br>Post tar-reġistrazzjoni: St. Petersburg, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 15.1.2015<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1154712000024 | Il-Kumpanija Militari Privata Convoy ("PMC Convoy") hija entità militari privata mhux inkorporata bbażata fir-Russja, li allegatament taħdem taħt il-kmand tal-Ministeru tad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Hija bbażata fil-Krimea annessa illegalment u topera taħt il-kontroll tal-hekk imsejjaħ "Kap" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea", Sergey Aksyonov.<br>Hija twettaq attivitajiet relatati mas-sigurtà u mal-militar, u fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, speċifikament f'Kherson fejn l-operaturi tagħha kienu involuti f'attivitajiet ta' ġlied, fil-kuntest ta' ġbir ta' intelligence u konsolidazzjoni tal-kontroll għall-Forzi Armati Russi.<br>Għalhekk, PMC Convoy qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 322. | JSC Lantan<br>(АО "Лантан") | Indirizz: 105082, Moscow, Bolshaya Pochtovaya st., 22 building 5, Russian Federation<br>Telefown: (499) 261-22-57<br>Sit web: www.lantan-npf.ru<br>Indirizz elettroniku: office@lantan-npf.ru<br>Tip ta' entità: Intrapriża militari-industrijali<br>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 31.5.1994<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 7701005930 (Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa)<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | JSC Lantan hija intrapriża militari-industrijali Russa li tiżviluppa sistemi tar-radar li huma skjerati mill-forzi armati Russi, inkluż sistemi ta' difiża tal-ajru bħall-istazzjon ta' intelligence elettronika Valeria-E. Barra minn hekk, JSC Lantan hija parti min-negozju Almaz-Antey, manifattur Russu tal-armi tal-istat li jiżviluppa sistemi ta' difiża u missili kruċieri kontra l-inġenji tal-ajru għall-militar Russu. Għalhekk, JSC Lantan qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Għalhekk, JSC Lantan hija assoċjata ma' Almaz-Antey, li qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jipperikolaw u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 323. | LLC "Promtechnologiya" magħrufa wkoll bħala LLC "Promtechnology" OOO "Промтехнология") | Indirizz: 117218, Russian Federation, Moscow, Ul. Krzhizhanovskogo, 29, Building 2, Mezzanine 1 Room Iv Room 1<br>Telefown: +7 (495) 647-88-66<br>Sit web: https://www.list-org.com/company/5760271<br>Indirizz elettroniku: promtechnologies@gmail.com<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 16.2.2009<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1097746084908<br>Post prinċipali tan-negozju: Moscow, Russian Federation | LLC "Promtechnologiya", sussidjarja ta' JSC "Promyshlennye Tekhnologii", hija manifattur Russu ta' armi u munizzjon. Hija timmanifattura u tforni armi tan-nar (azzarini ORSIS) taħt kuntratti ta' akkwist mill-Istat lill-Forzi Armati Russi, li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, LLC "Promtechnologiya" tappoġġa materjalment azzjonijiet li jipperikolaw u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.



PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 324. | JSC "Promyshlennyye Tekhnologii"<br><br>magħrufa wkoll bħala<br><br>JSC "Industrial technologies"<br><br>АО ("Промышленные технологии") | Indirizz: 115054, Russian Federation, Moscow, Lane. Bolshoy Strochenovsky, 5, Floor 2, Room 5<br><br>Telefown: +7 (495) 647-88-66<br><br>Sit web: https://www.list-org.com/company/6273180<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 7.7.2010<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1107746540087<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Moscow, Russian Federation | JSC "Promyshlennye Tekhnologii" u s-sussidjarja tagħha LLC "Promtechnologiya", li topera taħt l-isem kummerċjali ORSIS, timmanifattura u tforni armi tan-nar taħt kuntratti ta' akkwist tal-Istat lill-Forzi Armati Russi, li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, JSC "Promyshlennye Tekhnologii" tappoġġa materjalment azzjonijiet li jipperikolaw u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 325. | LLC Rostekhkomplekt<br>magħruf ukoll bħala<br>LLC RT-Komplekt<br>magħruf ukoll bħala<br>LLC Rostehkomplekt<br>(ООО"Ростехкомплект"<br>magħruf ukoll bħala<br>ООО РТ-КОМПЛЕКТ<br>magħruf ukoll bħala<br>ООО Ростехкомплект) | Indirizz: Russian Federation, Krasnodar region, Krasnodar, st. Fadeeva (Pashkovsky Residential Massif) Ter, 429/1 POD A, office 17<br>Telefown: 8-800-300-8378<br>Sit web: https://xn----jtbobdfnjeui.xn--p1ai/ Indirizz elettroniku: zakaz@rt-komplekt.ru<br>Tip ta' entità: Kumpannija b'Responsabbiltà limitata; fornitur tal-komponenti tal-avjazzjoni | LLC Rostekhkomplekt hija fornitur ibbażat fir-Russja, li l-attivitajiet tiegħu jinkludu l-forniment ta' diversi partijiet u tagħmir tal-avjazzjoni. B'mod partikolari, LLC Rostekhkomplekt toffri spare parts u tagħmir għat-tiswija u l-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru bħal AN, IL u TU u ħelikopters tat-tip MI u KA. Il-ħelikopters, immuntati u msewwija b'komponenti pprovduti minn LLC Rostekhkomplekt, jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, LLC Rostekhkomplekt qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jipperikolaw u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.



PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation, Krasnodar region, Krasnodar, st. Them. Fadeeva (Pashkovsky Residential Massif) Ter, 429/1 POD A, office 17<br>Data tar-reġistrazzjoni: 4.2.2004<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1042307154548<br>Post prinċipali tan-negozju: Krasnodar region, Krasnodar, Russian Federation | | |

PUBLIC

PUBLIC

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 326. | JSC Arsenyev Aviation Company Progress<br>magħruf ukoll bħala<br>AAC Progress<br>Арсеньевская авиационная компания<br>magħruf ukoll bħala<br>"ААС Прогресс") | Indirizz: 5 Ploshchad Lenina, Arsenyev, Primorsky Krai, Russian Federation 692335<br>Telefown: +7 (42361) 4-52-32, +7 (42361) 2-52-32<br>Sit web: Вертолёты России - Progress Arsenyev Aviation Company (www.rhc.aero)<br>Indirizz elettroniku: info@aacprogress.ru<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br>Post tar-reġistrazzjoni: Arsenyev, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 14.11.2002<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1022500510350<br>Post prinċipali tan-negozju: Arsenyev, Russian Federation | JSC Arsenyev Aviation Company Progress (AAC Progress) hija kumpanija fil-kumpless militari-industrijali Russu li timmanifattura ħelikopters militari ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC Arsenyev Avition Company Progress (AAC Progress) hija entità li qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

[+] ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 327. | JSC Kumertau Aviation Production Company<br><br>Кумертауская авиационная производственная компания | Indirizz: 15A Ulitsa Novozarinskaya, Kumertau, Republic of Bashkortostan, Russian Federation 453300<br><br>Telefown: +7 (34761) 2-33-04, +7 (34761) 2-33-02<br><br>Sit web: www.rhc.aero<br><br>Indirizz elettroniku: info@kumapp.ru<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Kumertau, Russian Federation<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1080262000609<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Kumertau, Russian Federation | JSC Kumertau Aviation Production Company hija kumpanija fil-kumpless militari-industrijali Russu li timmanifattura ħelikopters militari ta' importanza strateġika għall-Federazzjoni Russa.<br><br>Għaldaqstant, JSC Kumertau Aviation Production Company qed tappoġġa materjalment lil, u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 328. | Spas TV Channel<br>(Телеканал "Спас") | Indirizz: Akademika Korolyeva st. 13, 129515 Moscow, Russian Federation<br>Telefown: +7 (495) 780-66-72<br>Sit web: www.spastv.ru<br>Indirizz elettroniku: news@spastv.ru office@spastv.ru<br>Tip ta' entità: Stazzjon televiżiv<br>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 11.1.2019<br>Numru tar-reġistrazzjoni: C77-74808<br>Post prinċipali tan-negozju: Moscow, Russian Federation | Spas TV Channel huwa stazzjon televiżiv Russu proprjetà tal-Knisja Ortodossa Russa, li jirċievi wkoll appoġġ finanzjarju mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Il-ġestjoni tal-kanal iżżomm rabtiet mal-Kremlin. Huwa jxerred propaganda favur il-Kremlin u diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. F'diversi programmi dan jiġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna abbażi ta' raġunijiet reliġjużi u spiritwali.<br>Għalhekk, Spas TV Channel qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jipperikolaw u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | + |

[+] ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 329. | LLC Miranda Media magħrufa wkoll bħala LLC Miranda-Media (ООО Миранда Медиа magħruf ukoll bħala ООО Миранда-Медиа) | Indirizz: Ukraine, Crimea, Simferopol, Geroev Adzhimushkaya street, 9 Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Crimea, Ukraine Data tar-reġistrazzjoni: 15.6.2004 Numru tar-reġistrazzjoni: 1047796423487 Post prinċipali tan- Crimea, Ukraine | Miranda Media tipprovdi servizzi ta' telekomunikazzjoni lil awtoritajiet u istituzzjonijiet fil-Krimea u Sevastopol annessi illegalment fl-interessi tal-Federazzjoni Russa. Il-Gvern tal-Federazzjoni Russa rrikonoxxa lil Miranda Media bħala kumpanija ta' importanza essenzjali. Hija tirċievi appoġġ finanzjarju sostanzjali mill-Federazzjoni Russa. Hija għandha wkoll it-tagħmir ta' filtrazzjoni tal-internet użat mill-Gvern Russu biex jirrestrinġi l-aċċess għall-informazzjoni, qablet li taqsam id-data dwar l-abbonati tagħha mal-awtoritajiet Russi, u ngħatat kuntratti mill-Istat Russu biex tinstalla sistemi ta' sorveljanza bil-vidjo. Għalhekk, Miranda Media qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jipperikolaw u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 330. | LLC Albatros<br>(ООО "Альбатрос") | Indirizz: 4Russian Federation, 23601 Republic of Tatarstan, urban settlement Elabuga city, territory of the Alabuga SEZ, Sh-1 street, building 8/1<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br>Post tar-reġistrazzjoni: Alabuga, Russian Federation<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | LLC Albatros hija kumpanija Russa li topera fiż-żona ekonomika speċjali ta' Alabuga (SEZ) fil-Federazzjoni Russa (Tatarstan). Is-SEZ ta' Alabuga tospita faċilitajiet ta' manifattura li jarmaw vetturi tal-ajru mingħajr bdot. Dawk il-faċilitajiet huma parti minn programm Russu appoġġat mill-Istat u ġew stabbiliti b'assistenza mill-Iran fit-taħriġ tal-persunal u l-provvista ta' materjal sabiex jiġu assemblati droni militari għall-użu fil-gwerra tal-aggressjonijiet tar-Russja kontra l-Ukrajna. LLC Albatros ipproduċiet droni ta' rikonjizzjoni għall-ministeru tad-difiża tar-Russja, b'madwar 50 minnhom fornuti għall-ġlied fil-Lvant tal-Ukrajna. Għaldaqstant, LLC Albatros qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jipperikolaw u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

[+] ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 331. | AviatestAero<br>magħruf ukoll bħala<br>Aviation Measurement Technologies<br>(Авиационные измерительные технологии (Авиатест.аэро)) | Indirizz (kwartieri ġenerali): 115432 Moscow, 2nd Kozhukhovsky proezd, building 29, building 2, building 16<br>Tip ta' entità: Entità b'Responsabbiltà Limitata<br>Post tar-reġistrazzjoni: Alabuga, Russian Federation<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | AviatestAero hija kumpanija Russa li tispeċjalizza fl-ittestjar tat-tagħmir tal-inġenju tal-ajru u topera fiż-żona ekonomika speċjali ta' Alabuga (SEZ) fir-Russja (Tatarstan). Is-SEZ ta' Alabuga tospita faċilitajiet ta' manifattura li jarmaw vetturi tal-ajru mingħajr bdot(UAVs). Dawn il-faċilitajiet huma parti minn programm Russu appoġġat mill-Istat u ġew stabbiliti b'assistenza mill-Iran fit-taħriġ tal-persunal u l-provvista ta' materjal sabiex jiġu assemblati droni militari għall-użu fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-UAVs (Shahed–136) prodotti fis-SEZ ta' "Alabuga" bil-finanzjament ta' VTB Banking Group li huwa proprjetà tal-Istat intużaw mill-armata Russa fl-Ukrajna. Għalhekk, AviatestAero qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jipperikolaw u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 332. | SuperCam<br>magħruf ukoll bħala<br>SuperCam Unmanned Systems Group<br>Беспилотные системы | Indirizz: KWARTIERI ĠENERALI: 34a Melnichnaya St, Izhevsk, Russian Federation<br>Tip ta' entità: kumpanija<br>Post tar-reġistrazzjoni: Alabuga, Russian Federation<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | SuperCam Unmanned Systems Group hija kumpanija Russa li topera fiż-żona ekonomika speċjali ta' Alabuga (SEZ). Is-SEZ ta' Alabuga tospita faċilitajiet ta' manifattura li jarmaw vetturi tal-ajru mingħajr bdot (UAVs). Dawk il-faċilitajiet huma parti minn programm Russu appoġġat mill-Istat u ġew stabbiliti b'assistenza mill-Iran fit-taħriġ tal-persunal u l-provvista ta' materjal sabiex jiġu assemblati droni militari għall-użu fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-UAVs (Shahed-136) prodotti fis-SEZ ta' "Alabuga" bil-finanzjament ta' VTB Banking Group li huwa proprjetà tal-Istat intużaw mill-armata Russa fl-Ukrajna. Għalhekk, SuperCam Unmanned Systems Group qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jipperikolaw u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 333. | JSC "Alabuga" Special Economic Zone of Industrial and Production Type<br>magħruf ukoll bħala<br>Alabuga special economic zone (SEZ)<br>magħruf ukoll bħala<br>Yelabuga special economic zone (SEZ)<br>magħruf ukoll bħala<br>JSC Alabuga<br>(Алабуга (особая экономическая зона)) | Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | JSC "Alabuga" Special Economic Zone of Industrial and Production Typei hija responsabbli miż-żona ekonomika speċjali (SEZ) ta’ Alabuga fil-Federazzjoni Russa (Tatarstan) li ġiet stabbilita fl-2006. Is-SEZ ta’ alabuga tospita faċilitajiet ta' manifattura inkluż SuperCam, Aviatest Aero u Albatros li jarmaw vetturi tal-ajru mingħajr bdot (UAVs). Dawk il-faċilitajiet huma parti minn programm Russu appoġġat mill-istat u ġew stabbiliti b'assistenza mill-Iran fit-taħriġ tal-persunal u l-provvista ta' materjal sabiex jiġu assemblati droni militari għall-użu fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-UAVs (Shahed-136) prodotti fis-SEZ ta' "Alabuga" bil-finanzjament ta' VTB Banking Group li huwa proprjetà tal-Istat jintużaw mill-armata Russa fl-Ukrajna. Għalhekk, JSC "Alabuga" hija assoċjata ma' JSC Albatros, AviatestAero u SuperCam Unmanned Systems Group. | + |

+ Ġ.U: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 334. | LLC AKM, OOO, "AK MICROTECH"<br>(“ООО "АК МИКРОТЕХ") | Indirizz: Varshavskoe sh. 118, building 1, floor 19, Room 3, 11787 Moscow, Russian Federation<br>Telefown: 516 774 645-16-48<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 31.5.1994 | AK Microtech hija kumpanija Russa speċjalizzata fit-trasferiment ta' teknoloġija barranija tas-semikondutturi lil kumpaniji Russi li jimmanifatturaw il-mikroelettronika, inkluż entitajiet li huma parti mill-kumpless militari-industrijali tar-Russja, jew li jappoġġaw is-settur tad-difiża u s-sigurtà tar-Russja. Barra minn hekk, AK Microtech qed timporta oġġetti soġġetti għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Għalhekk, AK Microtech qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. AK Microtech qed tfixkel ukoll b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u tar-Regolament (UE) Nru 833/2014. | + |

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 365. | Tsargrad TV Channel<br>magħruf ukoll bħala<br>Tsargrad TV<br>(Телеканал Царьград) | Indirizz: Russian Federation, Partiyny pereulok, 1/57, building 3, floor 1<br>Telefown: +7 (495) 374-77-73<br>Sit web: tsargrad.tv | Tsargrad TV huwa mezz tal-media propagandista Russu. Ġie stabbilit minn Konstantin Malofeev, li appoġġa l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mill-Federazzjoni Russa. Tsargrad TV ixerred propaganda favur il-Kremlin u diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, qed jippromwovi l-fehma nazzjonalistika dwar l-allegat karattru Russu tat-territorji okkupati illegalment tal-Ukrajna u jiġġustifika t-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni sussegwenti tagħhom minn familji Russi. Tsargrad TV jirċievi għotjiet finanzjarji mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa għall-attivitajiet ta' propaganda tiegħu. Għalhekk, Tsargrad TV qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | +". |

---

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.